AWWISSU 2021

# IT-TORRI TAL-GĦASSA

## JĦABBAR IS-SALTNA TA' ĠEĦOVA



ARTIKLI GĦALL-ISTUDJU:
**27 TA' SETTEMBRU–31 TA' OTTUBRU 2021**

# Apprezza li Int Tagħmel Parti mill-Familja ta' Ġeħova

**GĦANJA 123**

Sottomissjoni b'lealtà għall-ordni teokratiku

**ĦARSA BIL-QUDDIEM**

Biex familja tkun ferħana, kulħadd għandu jkun jaf x'għandu jagħmel u kulħadd għandu jgħin. Il-missier huwa l-kap tal-familja, u għalhekk bi mħabba hu jieħu ħsiebha. L-omm tgħinu, u t-tfal jobdu lill-ġenituri. Dan hu simili għal dak li jiġri fil-familja ta' Ġeħova. Alla għandu skop għalina, u jekk aħna ngħixu ħajjitna fi qbil mal-iskop tiegħu, nistgħu nkunu parti mill-familja tiegħu għal dejjem.

*"Int għamiltu ftit inqas minn dawk li qishom allat, u bi glorja u ġmiel inkurunajtu."*—SALM 8:5.

META naħsbu dwar dak kollu li Ġeħova ħalaq, x'aktarx se nħossuna bħalma ħassu s-salmista David, li talab hekk: "Meta nara s-smewwiet tiegħek, għemil subgħajk, il-qamar u l-kwiekeb li int ħejjejt, x'inhu l-bniedem mortali biex iżżommu f'moħħok, u bin il-bniedem biex tieħu ħsiebu?" (Salm 8:3, 4) Bħal David, nistgħu nħossuna li m'aħna xejn ħdejn l-istilel li ħalaq Ġeħova, u nibqgħu sorpriżi kif Ġeħova jinnotana. Però, se naraw kif Ġeħova kien jimpurtah mill-ewwel koppja, Adam u Eva, u kif hu għamilhom parti mill-familja tiegħu.

2 Adam u Eva kienu l-ewwel żewġt itfal ta' Ġeħova li ġew maħluqin minnu hawn fuq l-art, u hu kien Missierhom tas-sema. Ġeħova qalilhom: "Nisslu u oktru u imlew l-art u rażżnuha." (Ġen. 1:28) Hu ried li huma jkollhom it-tfal u jieħdu ħsieb l-art li tahom. Kieku obdew u għamlu dak li qalilhom Alla, kieku Adam, Eva, u t-tfal tagħhom kienu se jibqgħu parti mill-familja t'Alla għal dejjem.

3 Adam u Eva kellhom post importanti fil-familja ta' Ġeħova. F'Salm 8:5, David qal hekk dwar il-bniedem: "Int għamiltu ftit inqas minn dawk li qishom allat [jew, anġli], u bi glorja u ġmiel inkurunajtu." Ġeħova ma ħalaqniex bl-istess qawwa, intelliġenza, u abbiltajiet li għandhom l-anġli. (Salm 103:20) Imma aħna "ftit inqas" mill-anġli

1. Meta naħsbu dwar l-affarijiet li ħalaq Ġeħova, liema mistoqsija nistgħu nistaqsu?

2. Ġeħova x'riedhom jagħmlu lil Adam u Eva?

3. Għala nistgħu ngħidu li lil Adam u Eva, Ġeħova tahom post importanti fil-familja tiegħu?

setgħanin. Meta toqgħod taħseb, mhux tal-għaġeb dan? Meta Ġeħova ħalaq lill-ewwel ġenituri tagħna, hu tahom ħajja mill-isbaħ!

4 B'dispjaċir, minħabba li Adam u Eva m'obdewx lil Alla, huma ma baqgħux jagħmlu parti mill-familja tiegħu. Kif se naraw iktar tard f'dan l-artiklu, dan ġab ħafna problemi lit-tfal tagħhom. Imma l-iskop ta' Ġeħova ma nbidilx, u hu jixtieq li n-nies ubbidjenti jkunu t-tfal tiegħu għal dejjem. L-ewwel, ejja naraw kif Ġeħova diġà wriena li aħna prezzjużi għalih. Imbagħad se niddiskutu x'nistgħu nagħmlu aħna biex nuru li rridu nkunu parti mill-familja t'Alla. U fl-aħħar, se naraw il-barkiet li se jgawdu għal dejjem fuq l-art it-tfal ubbidjenti ta' Ġeħova.

## ĠEĦOVA KIF WERA LI AĦNA IMPORTANTI GĦALIH?

5 ***Ġeħova wera li aħna importanti għalih billi ħalaqna bi kwalitajiet bħal tiegħu.*** (Ġen. 1:26, 27) Minħabba li aħna maħluqin fix-xbieha tiegħu, aħna nistgħu nuru l-kwalitajiet sbieħ bħal tiegħu. Pereżempju, aħna nistgħu nuru kwalitajiet bħall-imħabba, il-ħniena, il-lealtà, u l-ġustizzja. (Salm 86:15; 145:17) Meta naħdmu biex ikollna dawn il-kwalitajiet, aħna nagħtu tifħir lil Ġeħova u nuru li aħna napprezzaw dak li għamel għalina. Meta ngħixu ħajjitna kif jixtieq Missierna tas-sema, se nkunu ferħanin. Ukoll, jekk ikollna l-kwalitajiet li għandu hu, aħna nistgħu nkunu dawk in-nies li hu jrid fil-familja tiegħu.

6 ***Ġeħova pprepara dar speċjali għalina.*** Ħafna żmien qabel Ġeħova ħalaq il-bniedem, hu ħalaq id-dinja. (Ġob 38:4-6; Ġer. 10:12) Minħabba li Ġeħova hu qalbu tajba u ġeneruż, hu ħalaq ħafna affarijiet tajbin biex jagħmilna ferħanin. (Salm 104:14, 15, 24) Meta ħaseb fuq dak li ħalaq, hu "ra li dan kien tajjeb." (Ġen. 1:10, 12, 31) Ġeħova wera li l-bniedem hu importanti għalih billi tah ir-responsabbiltà biex jieħu ħsieb l-affarijiet sbieħ kollha li ħalaq fuq l-art. (Salm 8:6) Alla jrid li nies perfetti jieħdu ħsieb u jgawdu l-ħolqien sabiħ tiegħu għal dejjem. Tirringrazzjah spiss lil Ġeħova għal din il-wegħda sabiħa?

7 ***Ġeħova tana l-libertà.*** Aħna nistgħu nagħżlu dak li rridu nagħmlu fil-ħajja tagħna. **(Aqra Ġożwè 24:15.)** Ġeħova jieħu pjaċir meta aħna nagħżlu li naqdu lilu. (Salm 84:11; Prov. 27:11) Aħna nistgħu nużaw din il-libertà wkoll biex nieħdu deċiżjonijiet tajbin oħrajn. Aħseb dwar kif Ġesù uża l-libertà tiegħu.

8 Aħna nistgħu nimitaw lil Ġesù billi npoġġu l-interessi ta' oħrajn qabel tagħna. Darba waħda, meta Ġesù u l-appostli kienu għajjenin ħafna, fittxew post għall-kwiet biex ikunu jistgħu jistrieħu imma ma rnexxilhomx. Folla nies sabithom, u xtaqu li Ġesù joqgħod jgħallimhom. Ġesù ma ddejjaqx, anzi hu tħassarhom. Allura x'għamel? Hu "beda jgħallimhom ***ħafna*** affarijiet." (Mk. 6:30-34) Meta nimitaw lil Ġesù billi nużaw l-enerġija u l-ħin tagħna biex ngħinu lil

---

4. Xi ġralhom Adam u Eva minħabba li m'obdewx lil Ġeħova, u x'se niddiskutu f'dan l-artiklu?

5. Kif nistgħu nuru li napprezzaw li Alla ħalaqna bi kwalitajiet bħal tiegħu?

6. Ġeħova kif wera li l-bnedmin huma importanti għalih meta ħalaq id-dinja?

7. Ġożwè 24:15 kif jurina li għandna l-libertà li nagħżlu x'nagħmlu f'ħajjitna?

8. Agħti eżempju ta' kif Ġesù uża l-libertà li kellu.



**Ġeħova kif wera li aħna importanti għalih?**
(Ara paragrafi 5-11)

oħrajn, se nġibu tifħir lil Missierna tas-sema. (Mt. 5:14-16) U nuru lil Ġeħova li rridu nkunu parti mill-familja tiegħu.

9 ***Ġeħova ħalaq lin-nies bl-abbiltà li jkollhom it-tfal. Hu ta wkoll ir-responsabbiltà lill-ġenituri biex jgħallmu lit-tfal tagħhom iħobbu u jaqdu lilu.*** Jekk int ġenitur, tapprezza dan ir-rigal speċjali? Ġeħova lill-anġli tahom ħafna abbiltajiet, però ma tahomx il-privileġġ li jkollhom it-tfal. Mela jekk int ġenitur, apprezza l-privileġġ li għandek li tista' trabbi t-tfal. Il-ġenituri ngħataw ir-responsabbiltà importanti biex irabbu lit-tfal tagħhom "fid-dixxiplina u l-gwida mentali ta' Ġeħova." (Efes. 6:4; Dt. 6:5-7; Salm 127:3) Bħala għajnuna, l-organizzazzjoni t'Alla tipprovdi ħafna għodda bbażata fuq il-Bibbja, bħal pereżempju pubblikazzjonijiet, vidjows, mużika, u artikli online. Jidher ċar li Missierna tas-sema u Ibnu jħobbu liż-żgħażagħ u t-tfal. (Lq. 18:15-17) Meta l-ġenituri jistrieħu fuq Ġeħova u jagħmlu l-almu tagħhom biex jieħdu ħsieb lil uliedhom, Ġeħova jkun kuntent ħafna. Ġenituri bħal dawn jgħinu wkoll lit-tfal tagħhom biex ikollhom it-tama li jsiru parti mill-familja ta' Ġeħova għal dejjem.

10 ***Ġeħova ta l-Iben prezzjuż tiegħu biex aħna nkunu nistgħu nerġgħu nsiru parti mill-familja Tiegħu.*** Kif diġà semmejna f'paragrafu 4, meta Adam u Eva m'obdewx lil Alla, ma setgħux jibqgħu parti mill-familja tiegħu, u lanqas it-tfal tagħhom. (Rum. 5:12) Adam u Eva ddeċidew li ma jobdux lil Alla, u għalhekk ma kienx ħaqqhom dan il-privileġġ. Imma xi ngħidu għat-tfal tagħhom? Ġeħova jħobbna, u għalhekk għamilha possibbli biex it-tfal t'Adam u Eva li jkunu ubbidjenti lejh ikunu jistgħu jagħmlu parti mill-familja tiegħu. Hu għamel dan permezz tas-sagrifiċċju ta' Ibnu l-għażiż, Ġesù Kristu. (Ġw. 3:16; Rum. 5:19) Permezz tas-sagrifiċċju ta' Ġesù, Alla seta' jadotta bħala wliedu 144,000 bniedem leali.—Rum. 8:15-17; Riv. 14:1.

11 Minn barra dawn hemm miljuni ta' bnedmin ubbidjenti li qegħdin jagħmlu r-rieda t'Alla. Huma jittamaw li jsiru parti mill-familja tiegħu wara li jgħaddi t-test finali fl-aħħar tal-Elf Sena. (Salm 25:14; Rum. 8:20, 21) Minħabba li għandhom din it-tama, huma diġà jsejħu lil Ġeħova, 'Missier.' (Mt. 6:9) Dawk li se jiġu rxoxtati wkoll se jkollhom l-opportunità li jitgħallmu dak li jridhom jagħmlu Ġeħova. U dawk li jagħżlu li jobduh se jsiru parti mill-familja tiegħu wkoll.

12 Kif stajna naraw, Ġeħova diġà għamel ħafna affarijiet biex juri li aħna importanti għalih. Hu diġà adotta lill-midlukin bħala t-tfal tiegħu, u lil dawk tal-"folla kbira" tahom it-tama li jsiru t-tfal tiegħu fid-dinja l-ġdida. (Riv. 7:9) X'nistgħu nagħmlu biex nuru lil Ġeħova li aħna rridu nkunu parti mill-familja tiegħu għal dejjem?

## URI LIL ĠEĦOVA LI INT TRID TKUN PARTI MILL-FAMILJA TIEGĦU

13 ***Uri li tħobb lil Ġeħova billi taqdih b'qalbek kollha.*** **(Aqra Marku 12:30.)** Alla bi mħabba tana ħafna rigali, u wieħed mill-ikbar rigali li tana hu li nistgħu

9. Liema rigal speċjali Ġeħova ta lin-nies?

10-11. Ġeħova x'għamel possibbli permezz tas-sagrifiċċju ta' Ibnu Ġesù?

12. Liema mistoqsija se nwieġbu?

13. X'nistgħu nagħmlu biex insiru parti mill-familja t'Alla? (Marku 12:30)

naqdu lilu. Aħna nuru lil Ġeħova li nħobbuh billi 'nobdu l-kmandamenti tiegħu.' (1 Ġw. 5:3) Wieħed mill-kmandamenti li Ġeħova jridna nobdu hu l-kmand li tana Ġesù, li nagħmlu dixxipli u ngħammduhom. (Mt. 28:19) Ġesù kkmandana wkoll biex inħobbu lil xulxin. (Ġw. 13:35) U lil dawk kollha li jobduh, Ġeħova jaċċettahom fil-familja tiegħu.

14 ***Ħobb lil oħrajn.*** L-imħabba hija l-iktar kwalità importanti li għandu Ġeħova. (1 Ġw. 4:9, 10) Ġeħova ħabbna qabel aħna konna nafuh. (1 Ġw. 4:9, 10) Aħna nimitawh billi nuru li nħobbu lil oħrajn. (Efes. 5:1) Wieħed mill-aħjar modi kif nistgħu nuru li nħobbu lin-nies hu billi ngħinuhom jitgħallmu dwar Ġeħova waqt li baqa' ċ-ċans. **(Aqra Mattew 9:36-38.)** Meta ngħinuhom, huma jistgħu jitgħallmu x'għandhom jagħmlu biex isiru parti mill-familja t'Alla. Wara li persuna titgħammed, aħna rridu nibqgħu nħobbuha u nirrispettawha. (1 Ġw. 4:20, 21) Kif nagħmlu dan? Eżempju wieħed hu meta persuna tkun għamlet xi ħaġa li ma nkunux nistgħu nifhmu għala għamlitha. Aħna mhux se naħsbu ħażin dwarha, għax ikollna fiduċja fiha. Minflok, nuruha li hi importanti għalina. —**Aqra Rumani 12:10;** Flp. 2:3.

15 ***Uri ħniena u qalb tajba ma' kulħadd.*** Jekk irridu nkunu parti mill-familja ta' Ġeħova għal dejjem, irridu napplikaw f'ħajjitna dak li nitgħallmu mill-Kelma tiegħu. Pereżempju, Ġesù għallimna li rridu nuru ħniena u qalb tajba anki malgħedewwa tagħna. (Lq. 6:32-36) Xi kultant, dan jista' jkun diffiċli għalina. Jekk insibuha diffiċli, irridu nitgħallmu naħsbu u naġixxu bħal Ġesù. Jekk nagħmlu l-aħjar li nistgħu biex nobdu lil Ġeħova u nimitaw lil Ġesù, se nuru lil Missierna tas-sema li aħna rridu nkunu parti millfamilja tiegħu għal dejjem.

16 ***Oqgħod attent li ma ġġibx tmaqdir fuq il-familja ta' Ġeħova.*** Ejja nġibu eżempju ta' żewġ aħwa. Normalment, iż-żgħir jimita lil ħuh il-kbir. Jekk it-tifel il-kbir japplika l-prinċipji tal-Bibbja filħajja tiegħu, hu se jkun t'eżempju tajjeb għal ħuh iż-żgħir. Imma jekk il-kbir jagħmel affarijiet ħżiena, iż-żgħir jista' jkun li jagħmel bħalu. Dan jista' jiġri wkoll fil-familja ta' Ġeħova. Jekk Kristjan li kien leali jsir apostat jew jagħmel affarijiet immorali, oħrajn jistgħu jitħajru minnu u jibdew jagħmlu affarijiet ħżiena wkoll. Dawk li jagħmlu hekk iġibu tmaqdir fuq il-familja ta' Ġeħova. (1 Tess. 4:3-8) Aħna m'għandniex nimitaw eżempji ħżiena u ma rridu nħallu xejn li jagħmel il-ħsara lill-ħbiberija li għandna ma' Missierna kollu mħabba.

17 ***Afda f'Ġeħova u mhux fl-affarijiet materjali.*** Ġeħova jwegħedna li hu se jipprovdilna l-ikel, il-ħwejjeġ, u saqaf fuq rasna jekk aħna npoġġu s-Saltna l-ewwel u ngħixu fi qbil mal-livelli ġusti tiegħu. (Salm 55:22; Mt. 6:33) Meta nafdaw f'din il-wegħda, aħna mhux se naħsbu li l-affarijiet materjali li toffri d-dinja se jipproteġuna jew se jagħmluna ferħanin. Nafu wkoll li aħna se jkollna moħħna mistrieħ biss jekk nagħmlu dak li jrid Ġe-

---

14. Kif nistgħu nuru li nħobbu lill-oħrajn? (Mattew 9:36-38; Rumani 12:10)

15. Ma' min għandna nuru ħniena u qalb tajba?

16. X'għandna nagħmlu biex ma nġibux tmaqdir fuq il-familja ta' Ġeħova?

17. Liema raġunar irridu nevitaw, u għala?

ħova. (Flp. 4:6, 7) Anki jekk naffordjaw li nixtru ħafna affarijiet, irridu naraw jekk għandniex ħin u enerġija biex nużawhom u nieħdu ħsiebhom. Aħseb ftit: Jista' jkun li qed issir tħobb l-affarijiet materjali li għandek? Irridu niftakru li Ġeħova tana xogħol x'nagħmlu fil-familja tiegħu. Għalhekk, ma rridu nħallu xejn ifixkilna. Bla dubju, aħna ma rridux inkunu bħal dak iż-żagħżugħ sinjur fi żmien Ġesù. Hu tilef l-opportunità li jaqdi lil Ġeħova u jkun wieħed mit-tfal tiegħu minħabba li kellu qalbu marbuta mal-affarijiet materjali!—Mk. 10:17-22.

### DAK LI SE JGAWDU GĦAL DEJJEM IT-TFAL TA' ĠEĦOVA

18 Bnedmin ubbidjenti se jgawdu l-ikbar privileġġ, li jħobbu u jaqdu lil Ġeħova għal dejjem! Ukoll, dawk li għandhom it-tama li jgħixu fuq l-art se jieħdu ħsieb id-dinja sabiħa li ħalaq Ġeħova biex tkun dar perfetta għalihom. Dalwaqt, is-Saltna t'Alla se terġa' tagħmel l-art ġenna. Ġesù se jsolvi l-problemi kollha li nqalgħu minħabba li Adam u Eva ddeċidew li jitilqu l-familja ta' Ġeħova. Ġeħova se jirxoxta lil miljuni ta' bnedmin u se jagħtihom l-opportunità li jgħixu għal dejjem f'ħajja perfetta fuq art magħmula ġenna. (Lq. 23:42, 43) Meta l-bnedmin li jkunu qed jaqdu lil Ġeħova jsiru perfetti, huma se jkollhom il-'glorja u l-ġmiel' li kiteb dwarhom David f'Salm 8:5.

19 Jekk inti tagħmel parti mill-"folla kbira," għandek tama mill-isbaħ. Alla jħobbok u jridek li tkun parti mill-familja tiegħu. Għalhekk, agħmel dak li tista' biex togħġbu. Kuljum żomm f'moħħok u f'qalbek il-wegħdi ta' Alla. Apprezza l-privileġġ li mhux biss tista' taqdi lil Missierna tas-sema issa, imma li tista' wkoll taqdih għal dejjem!

18. Bnedmin ubbidjenti liema privileġġ u barkiet se jgawdu għal dejjem?

19. X'għandna nżommu f'moħħna?

**X'TGĦIDILNA L-ISTAMPA Paġna 4:** Ġeħova ħalaqna bl-abbiltà li nimitaw il-kwalitajiet tiegħu. Koppja qed jimitaw lil Alla billi juru l-imħabba lejn xulxin u lejn it-tfal tagħhom. Huma jħobbu lil Ġeħova u juru li japprezzaw ir-rigal li tahom billi jgħallmu lit-tfal tagħhom iħobbuh u jaqdu lilu. Il-ġenituri qed juru vidjow lit-tfal tagħhom biex jispjegawlhom għala Ġeħova bagħat lil Ġesù biex imut għalina. Huma qed jgħallmuhom ukoll li fil-Ġenna tal-art, aħna se nieħdu ħsieb l-annimali u l-art għal dejjem.

## INT KIF TWIEĠEB?

- Ġeħova x'għamel biex juri li n-nies huma importanti għalih?
- Kif nistgħu nuru lil Ġeħova li aħna rridu nkunu parti mill-familja tiegħu?
- Ġeħova x'se jagħtihom lit-tfal tiegħu?

**GĦANJA 107**

Il-mudell divin tal-imħabba

# Se Tibqa' Tistenna lil Ġeħova?

**GĦANJA 128**

Nissaportu sat-tmiem

**ĦARSA BIL-QUDDIEM**

Ġieli smajt lil xi ħadd li ilu fil-verità jgħid, 'Ma kontx naħseb li din is-sistema ħażina se ddum daqshekk'? F'dawn iż-żminijiet diffiċli, ilkoll kemm aħna nixtiequ li tiġi s-sistema l-ġdida. Però, aħna rridu nitgħallmu nkunu paċenzjużi. F'dan l-artiklu se naraw prinċipji mill-Bibbja li se jgħinuna nistennew bil-paċenzja. Imbagħad se nikkunsidraw żewġ sitwazzjonijiet fejn bil-paċenzja jkollna nistrieħu fuq Ġeħova. U fl-aħħar se naraw il-barkiet li se jagħtina Ġeħova jekk inkunu lesti li nibqgħu nistennewh.

*"Jien se nistenna b'attitudni xierqa."*—MIK. 7:7.

KIF tħossok meta tkun xtrajt xi ħaġa li jkollok bżonn u ddum biex tasal? Tħossok iddiżappuntat jew inkwetat? Mela qed tħossok kif jgħid Proverbji 13:12: "L-istennija mtawla qed tmarrad il-qalb." Imma xi ngħidu jekk issir taf li dak li xtrajt għadu ma wasalx għal raġunijiet tajbin? Jekk jiġri hekk, isserraħ moħħok u bil-paċenzja tibqa' tistenna.

2 F'dan l-artiklu se naraw xi prinċipji mill-Bibbja li se jgħinuna nibqgħu nistennew "b'attitudni xierqa," jew bil-paċenzja. (Mik. 7:7) Imbagħad se naraw żewġ sitwazzjonijiet fejn bil-paċenzja jkollna nistrieħu fuq Ġeħova. U fl-aħħar se naraw il-barkiet li se jagħtina Ġeħova jekk inkunu lesti li nibqgħu nistennewh.

### PRINĊIPJI MILL-BIBBJA LI JGĦALLMUNA NKUNU PAĊENZJUŻI

3 Proverbji 13:11 jgħallimna għala għandna bżonn inkunu paċenzjużi. Hemm jgħid: "Il-ġid miksub ta' malajr, malajr jinħela, imma min jiġma' ***ftit ftit,*** ikattar ġidu." (*Il-Bibbja,* Għaqda Biblika Maltija) X'nitgħallmu minn dan il-vers? Persuna bil-għaqal taħseb sew u tkun paċenzjuża, u b'hekk ikollha riżultati tajbin.

4 Proverbji 4:18 jgħidilna: "Il-mogħdija tan-nies sewwa hi bħal dawl qawwi li qed jiżdied iktar u iktar sal-milja tal-

1-2. X'se nikkunsidraw f'dan l-artiklu?

3. Proverbji 13:11 x'jgħallimna?

4. X'jgħallimna l-prinċipju li nsibu fi Proverbji 4:18?

jum.” Dan il-vers juri biċ-ċar li Ġeħova jgħin lin-nies tiegħu jifhmu l-iskop li għandu. Dan il-vers jista’ jgħinna wkoll nifhmu kif Kristjan jagħmel il-bidliet f’ħajtu u jersaq qrib Ġeħova. Jieħu ż-żmien biex persuna tersaq qrib Ġeħova. Ukoll, jekk nistudjaw il-Bibbja sew u napplikaw il-pariri li nsibu fiha u li tagħtina l-organizzazzjoni, bil-mod il-mod se nkunu nistgħu nimitaw il-kwalitajiet ta’ Kristu. Apparti minn hekk se nsiru nafu lil Alla aħjar. Ejja naraw kif spjega dan Ġesù.

5 Ġesù ġab eżempju biex jispjega kif il-messaġġ tas-Saltna li nippritkaw huwa bħal żerriegħa żgħira li bil-mod il-mod tikber f’qalb dawk li huma sinċiera. Hu qal: “Iż-żerriegħa tinbet u tikber, bla ma [il-bidwi] jaf kif. L-art tagħti l-frott minnha nfisha bil-mod il-mod, l-ewwel in-nebbieta, imbagħad is-sbula, fl-aħħarnett il-qamħ mimli fis-sbula.” (Mk. 4:27, 28) Ġesù x’ried ifisser meta qal dan? Hu ried jispjega li bħalma pjanta tikber bil-mod il-mod, persuna li taċċetta l-messaġġ tas-Saltna se tagħmel il-bidliet f’ħajjitha bil-mod il-mod. Pereżempju, meta l-istudent tal-Bibbja tagħna jersaq qrib Ġeħova, aħna nibdew naraw il-ħafna bidliet li hu jkun qed jagħmel. (Efes. 4:22-24) Imma rridu niftakru li huwa Ġeħova li jkabbar lil dik iż-żerriegħa żgħira.—1 Kor. 3:7.

6 F’dak kollu li jagħmel, Ġeħova jieħu l-ħin tiegħu. Dan jagħmlu biex iġib tifħir lil ismu u biex jgħin lil oħrajn. Ejja naraw kif Ġeħova għamel dan pass pass meta ħalaq l-art.

7 Meta Ġeħova kien qed jispjega lil Ġob kif ħalaq l-art, Ġeħova qabbel dak li għamel max-xogħol ta’ bennej. Hu semma “l-qisien,” “il-kejl,” u “l-pedestalli tagħha.”

5. Ġesù liema eżempju ġab biex jurina li persuna tieħu ż-żmien biex tagħmel il-bidliet f’ħajjitha?

6-7. X’nitgħallmu mill-mod kif Ġeħova ħalaq id-dinja?



Bħalma pjanta tikber bil-mod il-mod, persuna li taċċetta l-messaġġ tas-Saltna se tagħmel il-bidliet bil-mod il-mod (Ara paragrafu 5)

(Ġob 38:5, 6) Ġeħova anke ħa l-ħin biex jaħseb dwar ix-xogħol li għamel. (Ġen. 1:10, 12) Tista' timmaġina kif ħassewhom l-anġli kull darba li Ġeħova ħalaq xi ħaġa ġdida? Huma ħassewhom eċċitati tant li bdew ifaħħru lil Ġeħova! (Ġob 38:7) X'nitgħallmu minn dan? Biex Ġeħova ħalaq id-dinja, l-istilel, u l-ħlejjaq ħajjin, hu ħa eluf ta' snin. Imma meta ra dak kollu li bil-paċenzja ħalaq, hu qal "kien tajjeb ħafna."—Ġen. 1:31.

8 F'dawn l-eżempji li semmejna rajna li fil-Kelma t'Alla nsibu ħafna prinċipji li jgħallmuna li għandna nkunu paċenzjużi. Issa se nikkunsidraw żewġ sitwazzjonijiet fejn aħna għandna nkunu lesti li nistennew bil-paċenzja lil Ġeħova.

## META JAF IKOLLNA NĦALLU L-AFFARIJIET F'IDEJN ĠEĦOVA?

9 ***Jaf ikollna nistennew lil Ġeħova biex iwieġeb it-talb tagħna.*** Meta nitolbu lil Ġeħova biex jgħinna nissaportu xi problema jew biex jgħinna nieqfu nagħmlu xi ħaġa li lilu ma togħġbux, forsi naħsbu li qed idum biex iwieġeb it-talb tagħna. Imma Ġeħova għala mhux dejjem iwieġeb it-talb tagħna mill-ewwel?

10 Ġeħova joqgħod attent għat-talb tagħna. (Salm 65:2) It-talb tagħna juri li aħna nafdaw fih. (Ebr. 11:6) U meta aħna nitolbu lil Ġeħova biex jgħinna nagħmlu dak li jixtieq, hu joqgħod attent biex jara jekk aħna hux qed nagħmlu l-parti tagħna biex ngħixu ħajjitna fi qbil mar-rieda tiegħu. (1 Ġw. 3:22) Mela, meta nitolbuh biex jgħinna nieqfu nagħmlu xi ħaġa li ma togħġbux, irridu nkunu paċenzjużi u nagħmlu dak kollu li nistgħu biex ninbidlu. Ġesù għenna nifhmu li kultant Ġeħova ma jweġibx it-talb tagħna mill-ewwel. Hu qal: "Ibqgħu itolbu, u jingħatalkom; ibqgħu fittxu, u ssibu; ibqgħu ħabbtu, u jinfetħilkom. Għax kulmin jitlob jaqla', u kulmin ifittex isib, u kulmin iħabbat jinfetaħlu." (Mt. 7:7, 8) Meta napplikaw il-parir tiegħu u 'nibqgħu nitolbu,' nistgħu nkunu ċerti li Missierna tas-sema se jisma' t-talb tagħna u jwieġbu.—Kol. 4:2.

11 Minkejja li kultant inħossu li Ġeħova qed idum biex iwieġeb it-talb tagħna, hu jwegħedna li se jwieġbu 'f'waqtu.' **(Aqra Ebrej 4:16.)** Għalhekk, qatt m'għandna naħsbu li Ġeħova mhux qed jismagħna jekk ma jweġibx it-talb tagħna mill-ewwel. Pereżempju, ħafna aħwa ilhom snin jitolbu biex tiġi s-Saltna t'Alla u tneħħi t-tbatija u l-problemi li hawn. U anke Ġesù qalilna biex nitolbu għas-Saltna. (Mt. 6:10) Mela, ma jkunx jagħmel sens jekk nitilfu l-fidi f'Ġeħova għax is-Saltna t'Alla ma ġietx meta ***ħsibna aħna!*** (Ħab. 2:3; Mt. 24:44) Ikun tajjeb li nibqgħu nistennew lil Ġeħova u nkunu fiduċjużi li se jwieġeb it-talb tagħna. Is-Saltna ta' Ġeħova se tiġi meta jkun il-waqt għaliex hu diġà għażel "il-jum u s-siegħa." U meta jasal dak il-jum se naraw li kien tajjeb għal kulħadd.—Mt. 24:36; 2 Pt. 3:15.

12 ***Jaf ikollna nkunu paċenzjużi meta nkunu qed niffaċċjaw xi inġustizzja.*** In-

---

8. Issa x'se nikkunsidraw?

9. F'liema sitwazzjoni jaf ikollna nkunu paċenzjużi u nistennew lil Ġeħova?

10. Għala għandna nkunu paċenzjużi u nistennew lil Ġeħova jwieġeb it-talb tagħna?

11. Ebrej 4:16 kif jgħinna meta nħossu li Ġeħova ma weġibx it-talb tagħna mill-ewwel?

12. Meta jista' jkun diffiċli għalina biex inkunu paċenzjużi?



Waqt li qed nistennew lil Ġeħova, għandna nibqgħu nitolbuh u nkunu fiduċjużi li se jwiġibna
(Ara paragrafu 11)

nies fid-dinja ma jittrattawx lil kulħadd l-istess. Dan jista' jkun minħabba r-razza, is-sess tal-persuna, il-kultura, jew innazzjonalità tagħhom. Oħrajn jiġu trattati ħażin minħabba li jkollhom diżabbiltà fiżika jew mentali. Ħafna Xhieda ta' Ġeħova batew inġustizzji minħabba dak li jemmnu. Meta niġu trattati b'mod ħażin, irridu niftakru l-kliem ta' Ġesù: "Min jissaporti sat-tmiem jiġi salvat." (Mt. 24:13) Imma x'se tagħmel jekk issir taf li xi ħadd fil-kongregazzjoni għamel dnub serju? Jekk l-anzjani jkunu jafu bilkaż, se tkun paċenzjuż u tafdahom li se jagħmlu l-affarijiet kif irid Ġeħova? U l-anzjani x'jagħmlu meta xi ħadd jagħmel dnub serju?

13 Meta l-anzjani jsiru jafu li xi ħadd fil-kongregazzjoni għamel dnub serju, huma jitolbu għall-"għerf li ġej minn fuq." B'hekk Ġeħova jkun jista' jgħinhom jifhmu s-sitwazzjoni bil-mod kif jifhimha hu. (Ġak. 3:17) L-iskop tagħhom hu li, jekk ikun possibbli, jgħinu lill-persuna li tkun żbaljat terġa' lura lejn Ġeħova. (Ġak. 5:19, 20) Barra minn hekk, huma jagħmlu dak kollu li jistgħu biex jipproteġu lill-kongregazzjoni u jgħinu lill-aħwa li ġew imweġġgħin. (2 Kor. 1:3, 4) Meta l-anzjani jsiru jafu li xi ħadd għamel dnub serju, l-ewwel huma jsiru jafu x'ġara eżatt u dan jaf jieħu ż-żmien. Huma jitolbu, jagħmlu riċerka, jagħtu pariri bbażati fuq l-Iskrittura, u jikkoreġu lill-persuna li tkun għamlet id-dnub skont il-bżonn. (Ġer. 30:11) Għalkemm l-anzjani ma jiħduhiex fit-tul biex jieħdu deċiżjoni, huma ma jgħaġġlux. Meta l-anzjani jsegwu d-direzzjoni ta' Ġeħova, il-kongregazzjoni kollha se tibbenefika. Għalkemm l-anzjani jagħmlu kollox kif suppost, xorta se jkun hemm min iweġġa' minħabba l-persuna li tkun għamlet id-dnub. Jekk ġralek hekk, x'jista' jgħinek?

14 Ġieli kien hemm xi ħadd li weġġgħek, forsi anke ħu jew oħt? Fil-Bibbja tista' ssib eżempji tajbin biex jgħinuk

13. Ġeħova xi jridhom jagħmlu lill-anzjani meta xi ħadd jagħmel dnub serju?

14. Jekk xi ħu jew oħt weġġgħatek, liema eżempju fil-Bibbja jista' jgħinek?



Liema lezzjoni dwar il-paċenzja nistgħu nitgħallmu minn Ġużeppi? (Ara paragrafi 12-14)





tkun paċenzjuż u tħalli f'idejn Ġeħova biex jirranġa s-sitwazzjoni. Pereżempju, minkejja li ħut Ġużeppi ttrattawh b'mod ħażin, hu ma ħalliex il-ħażen tagħhom jirrabjah. Minflok, hu għamel l-almu tiegħu biex ikompli jaqdi lil Ġeħova u Ġeħova bierku għall-paċenzja li wera. (Ġen. 39:21) Maż-żmien Ġużeppi kien lest li jaħfer lil dawk li weġġgħuh u seta' jara kif Ġeħova bierku. (Ġen. 45:5) Bħal Ġużeppi, aħna nħossuna inkuraġġiti meta nersqu qrib Ġeħova u nħallu f'idejh biex jirranġa l-affarijiet hu. —Salm 7:17; 73:28.

15 Bla dubju, mhux kulħadd se jgħaddi minn dak li għadda Ġużeppi. Imma meta niġu trattati ħażin ilkoll kemm aħna nweġġgħu. Meta jkollna xi problema ma' xi ħadd, anke jekk ma jkunx Xhud, dejjem se nibbenefikaw meta napplikaw il-pariri li nsibu fil-Bibbja. (Flp. 2:3, 4) Ikkunsidra l-esperjenza t'oħt. Din l-oħt vera ddispjaċieha meta waħda li kienet taħdem magħha bdiet tigdeb fuqha. Però, hi m'għaġġlitx. Minflok ħasbet dwar l-eżempju ta' Ġesù. Meta n-nies għajruh, Ġesù m'għajjarhomx lura. (1 Pt. 2:21, 23) Peress li ħasbet f'dan, hi ddeċidiet li ma tgħidilha xejn. Iktar tard, l-oħt saret taf li dik li gidbet fuqha kienet marida serjament u kienet għaddejja minn stress kbir. Għalhekk, l-oħt għażlet li tinsa dak li qalet fuqha u ħassitha kuntenta li kienet paċenzjuża u ssaportiet.

16 Jekk qed tissaporti xi inġustizzja jew tħossok imweġġa', ftakar li Ġeħova hu qrib dawk li għandhom "qalbhom maqsuma." (Salm 34:18) Talli qed tkun paċenzjuż u tistrieħ fuqu, hu jħobbok ħafna. (Salm 55:22) Ġeħova jara dak kollu li jiġri u se jiġġudika lin-nies kollha. **(Aqra l-1 Pietru 3:12.)** Mela, meta tkun għaddej minn problemi serji li ma tista' tagħmel xejn dwarhom, se tkun lest li tħalli kollox f'idejn Ġeħova?

15. X'għen lill-oħt tibqa' paċenzjuża minkejja l-inġustizzja li għaddiet minnha?

16. X'jista' jgħinek jekk qed tissaporti xi inġustizzja? (1 Pietru 3:12)

### X'BARKIET SE JGAWDU DAWK LI JIBQGĦU JISTENNEW LIL ĠEĦOVA?

17 Permezz tas-Saltna tiegħu, Ġeħova dalwaqt se jberikna b'ħafna modi. Isaija 30:18 jgħid: "Ġeħova se jibqa' jistenna biex jurikom qalb tajba, u għaldaqstant se jqum biex jurikom ħniena. Għax Ġeħova hu Alla ta' ġudizzju. Henjin dawk kollha li jibqgħu jistennewh." Dawk li jibqgħu jistennew lil Ġeħova se jkollhom ħafna barkiet issa u fil-futur.

18 Meta n-nies t'Alla jidħlu fid-dinja l-ġdida, mhux se jiffaċċjaw iżjed problemi. Ħadd iktar mhu se jweġġagħna u jittrattana ħażin. (Riv. 21:4) Mhux se ninkwetaw għall-affarijiet li jkollna bżonn għax se jkun hemm biżżejjed għal kulħadd. (Salm 72:16; Is. 54:13) Kemm se jkun żmien sabiħ!

17. Skont Isaija 30:18, Ġeħova x'wegħedna li se jagħmel?

18. X'barkiet se ngawdu dalwaqt?

19 Ġeħova qed jippreparana biex ngħixu taħt it-tmexxija tiegħu billi jgħinna naqtgħu vizzji ħżiena u niżviluppaw kwalitajiet li jogħġbu lilu. Għalhekk, agħmel kuraġġ u taqtax qalbek. Il-ħajja vera għadha ġejja! Sa dak iż-żmien, ejja lkoll kemm aħna nibqgħu nistennew bil-paċenzja lil Ġeħova biex iwettaq l-iskop tiegħu!

19. Ġeħova għal xiex qed jippreparana?

**X'TGĦIDILNA L-ISTAMPA Paġna 11:** Oħt ilha titlob lil Ġeħova minn meta kienet tifla. Meta kienet żgħira, il-ġenituri għallmuha kif għandha titlob. Meta kienet żagħżugħa, bdiet taqdi bħala pijuniera u spiss kienet titlob lil Ġeħova biex ibierek l-isforzi tagħha. Snin wara, meta r-raġel tagħha marad, hi kienet titlob lil Ġeħova bil-qalb biex jgħinha tiffaċċja din il-prova. Illum, li hija armla, ukoll titlob ħafna lil Ġeħova u hi ċerta li Ġeħova se jwieġeb it-talb tagħha bħalma għamel dejjem.

### INT KIF TWIEĠEB?

- Liema prinċipji mill-Bibbja jistgħu jgħinuna nibqgħu nistennew bil-paċenzja?
- F'liema żewġ sitwazzjonijiet għandna nuru l-paċenzja?
- Ġeħova x'se jagħmel għal dawk li huma lesti li jibqgħu jistennewh?

**GĦANJA 118**

"Agħtina iktar fidi"

# Saħħaħ il-Fidi Tiegħek fil-Ħallieq

*"Il-fidi hi . . . it-turija evidenti ta' realtajiet li ma jidhrux."*
—EBR. 11:1.

**GĦANJA 11**
Il-ħolqien ifaħħar lil Alla

**ĦARSA BIL-QUDDIEM**

Il-Bibbja turi b'mod ċar li Alla Ġeħova ħalaq l-affarijiet kollha. Imma ħafna nies ma jemmnux dan. Huma jemmnu li l-ħajja bdiet teżisti b'kumbinazzjoni. Imma dak li jgħidu se jġegħelna niddubitaw jekk Ġeħova ħalaqx kollox? Le. Jekk nagħmlu l-almu tagħna biex insaħħu l-fidi tagħna f'Alla u fil-Bibbja mhux se jkollna dubji. Dan l-artiklu se jispjega kif nistgħu nagħmlu dan.

JEKK twelidt fil-verità, x'aktarx li tgħallimt dwar Ġeħova minn meta kont żgħir. Int tgħallimt li hu ħalaq kollox, għandu kwalitajiet mill-isbaħ, u li se jerġa' jagħmel l-art ġenna.—Ġen. 1:1; Atti 17:24-27.

2 Illum ħafna nies ma jemmnux li Alla jeżisti jew li hu l-Ħallieq ta' kollox. Minflok, huma jemmnu li l-ħajja bdiet teżisti b'kumbinazzjoni u li mbagħad minn ħajja waħda ġew ħlejjaq ħajjin oħrajn. Xi wħud min-nies li jemmnu dan huma ta' skola. Huma jgħidu li x-xjenza turi li dak li tgħid il-Bibbja mhux minnu, u li dawk in-nies li jemmnu li Alla ħalaq kollox huma injoranti u jemmnu kulma jisimgħu.

3 L-irraġunar ta' dawn in-nies jista' jġegħelna naħsbu li Ġeħova mhux il-Ħallieq ta' kollox? Dan jiddependi ħafna ***għala*** nemmnu li Alla huwa l-Ħallieq. Aħna nemmnu għax ġejna mgħallmin hekk jew għax studjajna u konvinti li hemm Ħallieq? (1 Kor. 3:12-15) Ilna kemm ilna fil-verità, irridu nibqgħu nsaħħu l-fidi tagħna. Jekk nagħmlu dan, mhux se niġu mqarrqin meta n-nies jgħidulna li dak li tgħid il-Bibbja mhux veru. (Kol. 2:8; Ebr. 11:6) Biex jgħinna, dan l-artiklu se jiddiskuti (1) għala ħafna nies ma jemmnux li hemm Ħallieq, (2) kif tista' ssaħħaħ il-fidi tiegħek li Ġeħova hu l-Ħallieq, u (3) kif tista' tibqa' konvint li Ġeħova hu l-Ħallieq.

1. Jekk twelidt fil-verità, x'tgħallimt dwar Ġeħova?
2. Xi wħud x'jaħsbu dwar dawk li jemmnu fil-Ħallieq?
3. Għala hu importanti li nsaħħu l-fidi tagħna fil-Ħallieq?

## GĦALA ĦAFNA MA JEMMNUX LI HEMM ĦALLIEQ

4 Xi nies jaħsbu li l-fidi tfisser li temmen f'xi ħaġa mingħajr provi. Imma l-Bibbja turina li din mhix fidi vera. Il-Bibbja tispjega li l-fidi hi bbażata fuq ***turija evidenti,*** jew il-provi. **(Aqra Ebrej 11:1.)** Pereżempju, għalkemm ma nistgħux naraw lil Ġeħova, lil Ġesù, u s-Saltna, aħna għandna l-provi li jeżistu. (Ebr. 11:3) Xjentist li sar Xhud ta' Ġeħova jgħid: "Il-fidi tagħna mhix fidi għamja u ma tinjorax dak li tgħid ix-xjenza."

5 Aħseb ftit, 'Għala ħafna nies jaħsbu li Alla mhux il-Ħallieq ta' kollox meta hemm ħafna provi?' Għax huma qatt ma fittxew biex isiru jafu. Robert, li sar wieħed mix-Xhieda ta' Ġeħova, jgħid: "Peress li l-iskola qatt m'għallmuna li Alla hu l-Ħallieq, jien kont naħseb li l-ħajja ġiet waħedha. Imma mbagħad meta kelli 22 sena ltqajt max-Xhieda ta' Ġeħova u tgħallimt li fil-Bibbja nsibu raġunijiet tajba għala għandna nemmnu li Alla ħalaq kollox."*—Ara l-kaxxa "Messaġġ Importanti għall-Ġenituri."

6 Xi wħud ma jemmnux fil-Ħallieq għax jgħidu li jemmnu f'dak li jistgħu jaraw biss. Imma fil-verità huma jemmnu f'affarijiet li ma jistgħux jaraw, bħal pereżempju r-riħ. Minkejja li ma jarawhx, huma għandhom il-provi li jeżisti. Il-fidi li tissemma fil-Bibbja wkoll

* F'ħafna skejjel, l-għalliema lanqas biss isemmu li Alla jista' jkun il-Ħallieq. Huma jaħsbu li jekk jgħallmu dan, ikunu qed iġiegħlu lill-istudenti jemmnu b'Alla.

4. Skont Ebrej 11:1, il-fidi x'inhi?

5. Għala ħafna nies ma jemmnux li Alla ħalaq kollox?

6. Għala xi nies ma jemmnux li hemm Ħallieq?



### Messaġġ Importanti għall-Ġenituri

Jekk jogħġobkom ġenituri, ipprovaw kunu afu dak li qed jitgħallmu t-tfal tagħkom l-iskola. X'se tagħmlu jekk issiru tafu li t-tfal tagħkom qed jiġu mgħallmin affarijiet li ma jaqblux ma' dak li tgħid il-Bibbja? Użaw il-pubblikazzjonijiet tagħna biex tfiehmu lit-tfal tagħkom li dak li nsibu fil-Bibbja huwa veru. Ukoll oqogħdu attenti li ma tħeġġux it-tfal tagħkom biex imorru l-università, fejn in-nies ma jkunux jemmnu f'Alla u jwaqqgħu għaċ-ċajt lil dawk li jemmnu fih.



Ant Photo: © CSP Anterovium/age fotostock

## Informazzjoni li Biha Ssaħħaħ il-Fidi fil-Ħallieq

**Browxers:**
*Tweġibiet għal 10 mistoqsijiet li ż-żgħażagħ jistaqsu—Mistoqsija 9*
*The Origin of Life—Five Questions Worth Asking*
*Was Life Created?*

**Kotba:**
*Is There a Creator Who Cares About You?*

**Rivisti:**
Il-ħarġa speċjali ta' *Stenbaħ!* bl-Ingliż ta' Settembru 2006 bit-titlu "Is There a Creator?"

**Vidjows:**
*Dak li jgħidu dawk tamparek—Għala għandi nemmen b'Alla*
*The Wonders of Creation Reveal God's Glory*

**Serje:**
"Ġie Disinjat?" fi *Stenbaħ!* u fuq jw.org

**Artikli Fuq il-Website:**
*Uża Alla l-Evoluzzjoni Biex Joħloq Kollox?* (Mur fuq Tagħlim tal-Bibbja > Ix-xjenza u l-Bibbja > Evoluzzjoni kontra l-ħolqien)
*Il-ħajja minn fejn bdiet?* (Mur fuq Tagħlim tal-Bibbja > Ix-xjenza u l-Bibbja > Evoluzzjoni kontra l-ħolqien)

hija bbażata fuq ***affarijiet*** li ***ma nistgħux naraw*** imma hemm il-provi li jeżistu. (Ebr. 11:1) Jieħu l-ħin u rridu nagħmlu sforz biex ikollna l-evidenza, imma ħafna nies mhux lesti jagħmlu dan. Persuna li ma tistudjax biex ikollha l-evidenza għaliha nfisha tista' tasal biex tgħid li Alla ma jeżistix.

7 Wara li studjaw il-provi li Alla jeżisti, xi xjentisti saru konvinti li hemm Ħallieq.* Bħal Robert, li diġà semmejna, xi wħud kienu jaħsbu li m'hemmx Ħallieq għax fl-università qatt ma ġew mgħallmin li xi ħadd ħalaqna. Però, ħafna xjentisti tgħallmu dwar Ġeħova u saru jħob-

7. In-nies ta' skola kollha ma jemmnux fil-Ħallieq? Spjega.

* Biex tara x'jgħidu wħud ta' skola, inkluż xjentisti li jemmnu fil-Ħallieq, ara l-*Gwida għall-Pubblikazzjonijiet tax-Xhieda ta' Ġeħova*. Mur fuq "Suġġetti," "Xjenza u Teknoloġija," imbagħad "'Intervista' (Serje fi Stenbaħ!)." Jew ara *Watch Tower Publications Index* l-iktar reċenti. Mur fuq "Science," imbagħad fittex taħt "scientists expressing belief in creation."

buh. Bħal dawn ix-xjentisti, aħna wkoll irridu nsaħħu l-fidi tagħna fil-Ħallieq. Ħadd ma jista' jagħmel dan għalina.

### KIF TISTA' SSAĦĦAĦ IL-FIDI TIEGĦEK FIL-ĦALLIEQ

8 Kif tista' int issaħħaħ il-fidi tiegħek fil-Ħallieq? Ejjew nikkunsidraw erba' modi.

9 ***Tgħallem dwar il-ħolqien ta' madwarek.*** Int tista' ssaħħaħ il-fidi tiegħek f'Alla billi tosserva l-annimali, il-pjanti, u l-istilel. (Salm 19:1; Is. 40:26) Iktar ma tistudja dwar dawn l-affarijiet, iktar se ssir konvint li Ġeħova hu l-Ħallieq ta' kollox. Spiss il-pubblikazzjonijiet tagħna jkun fihom artikli li jidħlu fid-dettall biex jispjegaw il-ħolqien. Jekk issibha diffiċli biex tifhem dawn l-artikli, xorta studjahom. Taqbiżhomx! Tgħallem dak li tista' minnhom. U fuq il-website tagħna, jw.org, tinsiex tara l-vidjows sbieħ li hemm dwar il-ħolqien li ħarġu fil-konvenzjonijiet!

10 Oqgħod attent għall-affarijiet li tista' titgħallem dwar Ġeħova meta tkun qed tistudja dwar l-affarijiet ta' madwarek. **(Aqra Rumani 1:20.)** Pereżempju, ix-xemx tipprovdi s-sħana u d-dawl li għandna bżonn biex ngħixu. Imma xi raġġi tax-xemx jistgħu jagħmlulna l-ħsara. Bħala bnedmin aħna għandna bżonn inkunu protetti minn dawn ir-raġġi. Fil-fatt, hekk qed jiġri. Kif? Mad-dawra tad-dinja hemm l-ozone layer li qed jipproteġina minn dawn ir-raġġi. Meta dawn ir-raġġi jkunu iżjed b'saħħithom, il-gass tal-ozone layer jiżdied. Taħseb li dan ġie mix-xejn jew hemm Ħallieq intelliġenti u li jħobbna?

11 Tista' ssaħħaħ il-fidi tiegħek fil-Ħallieq billi tfittex fil-*Gwida għall-Pubblikazzjonijiet* u tagħmel riċerka fuq jw.org. Tista' tibda billi tara l-artikli u l-vidjows mis-serje "Ġie Disinjat?" Dawn huma qosra, imma fihom tista' ssib affarijiet interessanti ħafna dwar l-annimali u l-pjanti. Ukoll fihom eżempji fejn juru li x-xjentisti qed jipprovaw jikkopjaw il-ħolqien.

12 ***Studja l-Bibbja.*** Ix-xjentist li semmejna f'paragrafu 4 ma bediex jemmen fil-Ħallieq mill-ewwel. Imma maż-żmien hu sar konvint li hemm Ħallieq. Hu jgħid: "Bdejt nemmen mhux biss b'dak li kont naf mix-xjenza, imma wkoll b'dak li tgħallimt meta studjajt il-Bibbja." Forsi inti diġà taf il-Bibbja sew. Imma biex issaħħaħ il-fidi tiegħek fil-Ħallieq, għandek bżonn tkompli tistudja l-Bibbja. (Ġoż. 1:8; Salm 119:97) Pereżempju, aħseb dwar id-dettalji li ssemmi l-Bibbja ta' ġrajjiet li ġraw ħafna snin ilu. Aħseb ukoll dwar il-profeziji li seħħew u kif il-kittieba tal-Bibbja qablu bejniethom b'dak li kitbu. Jekk tagħmel hekk, se ssaħħaħ il-fidi tiegħek fil-Ħallieq kollu mħabba u fil-Kelma tiegħu, il-Bibbja.* —2 Tim. 3:14; 2 Pt. 1:21.

* Pereżempju, ara kapitlu 2, "Il-Bibbja—Ktieb mingħand Alla" tal-ktieb *"X'Nistgħu Nitgħallmu mill-Bibbja?"* u l-artiklu "Dak li Jbassar Ġeħova Jitwettaq" fil-ħarġa ta' *It-Torri tal-Għassa* tal-1 ta' Jannar 2008.

8-9. (a) Liema mistoqsija se nikkunsidraw? (b) Jekk tistudja dwar l-affarijiet ta' madwarek kif se jgħinek?

10. Agħti eżempju li juri li hemm Ħallieq. (Rumani 1:20)

11. Fejn tista' ssib informazzjoni li tista' tgħinek issaħħaħ il-fidi tiegħek fil-Ħallieq? (Ara l-kaxxa "Informazzjoni li Biha Ssaħħaħ il-Fidi fil-Ħallieq.")

12. Meta tistudja l-Bibbja, liema affarijiet għandek toqgħod attent għalihom?

13 Meta tistudja l-Kelma t'Alla, ara kemm huma t'għajnuna l-pariri li nsibu fiha. Pereżempju ħafna snin ilu, il-Bibbja qalet li l-imħabba għall-flus iġġib "ħafna weġgħat." (1 Tim. 6:9, 10; Prov. 28:20; Mt. 6:24) Dan il-kliem għadu jgħodd għalina llum? Ktieb li jitkellem dwar l-attitudni tan-nies fi żmienna jgħid: "Ħafna drabi, nies li jkunu moħħhom fl-affarijiet materjali jispiċċaw imdejqin u dipressi. Anke dawk in-nies li jixtiequ li jkollhom iktar flus mhumiex kuntenti u jbatu bil-problemi ta' saħħa." Mela l-parir li nsibu fil-Bibbja li m'għandniex inħobbu l-flus se jgħinna ħafna! Tista' taħseb dwar parir ieħor fil-Bibbja li għenek? Meta naħsbu dwar il-pariri tajbin li nsibu fil-Bibbja, aħna se naraw li Ġeħova, il-Ħallieq tagħna, jaf x'inhu l-aħjar għalina. U b'hekk aħna se nistrieħu fuq il-pariri tiegħu. (Ġak. 1:5) Jekk nagħmlu hekk, se nkunu iktar ferħanin.—Is. 48:17, 18.

14 ***Studja l-Bibbja bil-mira li ssir taf lil Ġeħova aħjar.*** (Ġw. 17:3) Jekk tagħmel hekk, se titgħallem dwar il-kwalitajiet u l-personalità ta' Ġeħova. U meta tistudja l-ħolqien se titgħallem ukoll dwar dawn l-istess kwalitajiet. Meta nitgħallmu dwar il-kwalitajiet ta' Ġeħova se nkunu konvinti li hu jeżisti. (Eżo. 34:6, 7; Salm 145:8, 9) Iktar ma ssir taf lil Ġeħova u tkabbar il-ħbiberija tiegħek miegħu, iktar se tafdah u iktar se tħobbu.

15 ***Tkellem m'oħrajn dwar Alla.*** Meta tagħmel hekk, il-fidi tiegħek se tissaħħaħ. Imma xi ngħidu jekk tkun qed tippruvaha u tiltaqa' ma' xi ħadd li ma jemminx f'Alla u int ma tkunx taf x'se twieġbu? Ipprova sib tweġiba mill-Iskrittura f'waħda mill-pubblikazzjonijiet tagħna u mbagħad aqsamha miegħu. (1 Pt. 3:15) Barra minn hekk, tista' tgħid lil xi ħadd mill-aħwa biex jgħinek. Sew jekk il-persuna taċċetta dak li tgħidilha u sew jekk ma taċċettax, int se tibbenefika mir-riċerka li tagħmel. Int se ssir iktar konvint f'dak li temmen. Imbagħad int żgur mhux se temmen lil dawk li jgħidu li Alla ma jeżistix.

### ŻOMM IL-FIDI TIEGĦEK SODA!

16 Ilna kemm ilna naqdu lil Ġeħova, aħna rridu nkomplu nsaħħu l-fidi tagħna fih. Għala? Għax jekk ma noqogħdux attenti l-fidi tagħna tista' tiddgħajjef. Kif diġà semmejna, il-fidi tagħna hi bbażata fuq affarijiet li ***ma jidhrux*** imma għandna l-provi li jeżistu. U kultant l-affarijiet li ma jidhrux nistgħu ninsewhom. Għalhekk, l-appostlu Pawlu qal li nuqqas ta' fidi hija "d-dnub li faċilment ifixkilna." (Ebr. 12:1) Allura x'nistgħu nagħmlu biex ma naqgħux f'din innassa?—2 Tess. 1:3.

17 L-ewwel, ***itlob spiss lil Ġeħova biex jagħtik l-ispirtu qaddis tiegħu.*** Għala? Għax l-ispirtu qaddis se jgħinna jkollna l-fidi. (Gal. 5:22, 23) Aħna ma jistax ikollna l-fidi fil-Ħallieq jew insaħħuha jekk ma jkollniex l-għajnuna tal-ispirtu qaddis. Jekk aħna nibqgħu nitolbu lil Ġeħova għall-ispirtu qaddis, hu se jagħ-

13. Semmi parir mill-Bibbja li għadu jgħodd għalina llum.

14. Meta tistudja l-Bibbja, x'se titgħallem dwar Ġeħova?

15. Meta titkellem dwar Alla m'oħrajn kif jgħinek?

16. X'jista' jiġrilna jekk ma nżommux il-fidi tagħna b'saħħitha?

17. X'jista' jgħinna nżommu l-fidi tagħna b'saħħitha?

tihulna. (Lq. 11:13) Aħna nistgħu nitolbu lil Ġeħova: "Agħtina iktar fidi."—Lq. 17:5.

18 It-tieni, ***studja l-Bibbja b'mod regolari.*** **(Aqra Salm 1:2, 3.)** Meta nkiteb dan is-salm, ftit Iżraelin kellhom kopja tal-Liġi t'Alla. Però, is-slaten u l-qassisin setaʼ jkollhom kopja, u darba kull sebaʼ snin, "l-irġiel, in-nisa, iċ-ċkejknin," u r-residenti barranin f'Iżrael kienu jiltaqgħu flimkien biex jisimgħu l-Liġi t'Alla tinqara. (Dt. 31:10-12) Anke fi żmien Ġesù ftit kienu dawk li kellhom kopja tal-Iskrittura. Ħafna kopji tal-Iskrittura kienu jkunu fis-sinagogi. Però, illum il-maġġoranza tan-nies għandhom il-Bibbja. Mhuwiex dan rigal prezzjuż? Kif nistgħu nuru li napprezzaw il-Bibbja?

19 Aħna nuru li napprezzaw il-Bibbja billi naqrawha b'mod regolari. Aħna rridu nwarrbu l-ħin biex naqraw u nistudjaw il-Bibbja, mhux naqrawha biss meta jkollna ċ-ċans. Jekk naqraw il-Bibbja b'mod regolari, se nżommu l-fidi tagħna b'saħħitha.

20 Għall-kuntrarju tal-"għorrief u l-intellettwali" tad-dinja, aħna għandna fidi bbażata fuq il-Kelma t'Alla. (Mt. 11:25, 26) Il-Bibbja turina għala l-affarijiet fid-dinja sejrin għall-agħar u dak li se jagħmel Ġeħova. Għalhekk, ejjew inkunu determinati li nkomplu nsaħħu l-fidi tagħna u ngħinu lil kemm jistaʼ jkun nies biex ikollhom il-fidi fil-Ħallieq tagħna. (1 Tim. 2:3, 4) U ejjew inkomplu nħarsu 'l quddiem għal dak iż-żmien meta n-nies tad-dinja kollha se jgħidu l-kliem li nsibu f'Rivelazzjoni 4:11: "Int jistħoqqlok, Ġeħova, Alla tagħna, li tirċievi l-glorja . . . għax int ħlaqt l-affarijiet kollha."

18. Skont Salm 1:2, 3, illum liema rigal prezzjuż għandna?

19. X'għandna bżonn nagħmlu biex inżommu l-fidi tagħna b'saħħitha?

20. X'għandna nkunu determinati li nagħmlu?

## INT KIF TWIEĠEB?

- Spjega x'inhi l-fidi.
- X'inhuma xi modi kif tistaʼ ssaħħaħ il-fidi tiegħek fil-Ħallieq?
- Kif tistaʼ żżomm il-fidi tiegħek b'saħħitha?

ARTIKLU GĦALL-ISTUDJU 33

GĦANJA 111

Ir-raġunijiet tagħna għall-ferħ

ĦARSA BIL-QUDDIEM

Aħna nħobbuh ħafna lil Ġeħova u nixtiequ nagħmlu dak kollu li nistgħu għalih. Għalhekk, ħafna minna jixtiequ jżidu fl-ippritkar jew jagħmlu iktar fil-kongregazzjoni. Imma x'se nagħmlu jekk minkejja li qegħdin nagħmlu l-almu tagħna ma nistgħux nilħqu xi miri li għamilna? X'jista' jgħinna nibqgħu żelużi fix-xogħol ta' Ġeħova? Fit-tixbiha tat-talenti li semma Ġesù se nsibu t-tweġiba.

# Kun Ferħan b'Dak li Qed Tagħmel għal Ġeħova

*"Aħjar tara b'għajnejk milli tixxennaq b'ruħek."*—EKK. 6:9.

AĦNA għandna ħafna x'nagħmlu minħabba li qegħdin ngħixu fl-aħħar jiem. (Mt. 24:14; Lq. 10:2; 1 Pt. 5:2) U lkoll kemm aħna nixtiequ nagħmlu l-aħjar tagħna biex naqdu lil Ġeħova. Ħafna qegħdin jippruvaw iżidu fix-xogħol tal-ippritkar. Xi wħud jixtiequ jaqdu bħala pijunieri, oħrajn jixtiequ jaqdu f'Betel, jew jgħinu fix-xogħol ta' kostruzzjoni. U ħafna aħwa qed jagħmlu mira biex jaqdu bħala qaddejja ministerjali jew anzjani. (1 Tim. 3:1, 8) Min jaf kemm iħossu ferħan Ġeħova meta jara lill-qaddejja tiegħu jagħmlu l-aħjar tagħhom biex jaqduh!—Salm 110:3; Is. 6:8.

2 Kultant nistgħu nibdew naqtgħu qalbna meta wara ħafna snin ma nilħqux il-mira li nkunu għamilna. Jew inħossuna skuraġġiti għax ma nkunux nistgħu nagħmlu ċertu affarijiet fl-organizzazzjoni ta' Ġeħova minħabba l-età jew raġunijiet oħra. (Prov. 13:12) Melissa* hekk ġralha. Hi tixtieq taqdi f'Betel jew tmur l-Iskola għall-Evanġelizzaturi tas-Saltna. Hi tgħid: "Minħabba l-età tiegħi, ma nistax napplika. Dawn il-privileġġi għalija huma biss ħolma. Xi kultant inħossni skuraġġita."

3 Xi wħud li jkunu għadhom żgħar u f'saħħithom, jaf ikollhom bżonn jikbru spiritwalment qabel jingħataw xi responsabbiltajiet. Pereżempju, xi wħud jaf ikunu intelli-

* Xi ismijiet ġew mibdulin.

1. L-aħwa kif qegħdin jippruvaw jagħmlu iktar għal Ġeħova?
2. Kif nistgħu nħossuna meta ma nilħqux il-miri li nagħmlu?
3. Xi wħud xi jkollhom jagħmlu biex jikkwalifikaw għal ċertu privileġġi?

ġenti, jieħdu deċiżjoni malajr, u lesti biex jaħdmu. Però, jaf ikollhom bżonn jitgħallmu jkunu iktar paċenzjużi, jagħmlu x-xogħol b'mod aħjar, u juru iktar rispett lejn l-aħwa. Meta int tagħmel sforz biex tiżviluppa l-kwalitajiet li għandek bżonn, taf tirċievi privileġġ li ma tkunx qiegħed tistenna. Ejja nieħdu l-eżempju ta' Nick. Meta kellu 20 sena hu ħadha bi kbira għax ma kkwalifikax biex jaqdi bħala qaddej ministerjali. Hu qal: "Bdejt naħseb li qed nagħmel xi ħaġa ħażina." Imma Nick ma qatax qalbu u baqa' jaħdem biex itejjeb il-kwalitajiet tiegħu. Hu baqa' jagħmel l-almu tiegħu kemm fil-ministeru kif ukoll fil-kongregazzjoni. Illum hu jaqdi bħala membru tal-Kumitat tal-Fergħa.

4 Tħossok skuraġġit minħabba li ma lħaqtx mira li għamilt? Jekk iva, itlob lil Ġeħova u għidlu kif qed tħossok. (Salm 37:5-7) Tista' wkoll titlob parir lil ħu tal-esperjenza, u mbagħad agħmel dak li tista' biex tapplikah. Jekk tagħmel hekk, jaf tilħaq il-mira tiegħek. Però, bħal Melissa, forsi bħalissa ma tistax tagħmel dak li tixtieq għal Ġeħova. Allura x'tista' tagħmel biex tibqa' ferħan? Biex inwieġbu din il-mistoqsija, f'dan l-artiklu se niddiskutu (1) x'jista' jagħmlek ferħan, (2) kif tista' tkun iżjed ferħan, u (3) liema miri tista' tagħmel biex iżżid il-ferħ tiegħek.

## X'JISTA' JĠIBLEK IL-FERĦ

5 **Ekkleżjasti 6:9** jispjega x'jista' jgħinna biex inkunu ferħanin. **(Aqra.)** Persuna li ***tieħu pjaċir*** b'dak li ***'jaraw għajnejha'*** tapprezza dak li għandha bħalissa fiċ-ċirkostanzi tagħha. Però, persuna li ***tibqa' tixxennaq*** għal dak li m'għandhiex mhux se tkun kuntenta. Mela x'inhi l-lezzjoni għalina? Biex inkunu ferħanin, irridu niffokaw fuq dak li għandna mhux fuq dak li m'għandniex jew fuq miri li ma nistgħux nilħqu.

6 Meta jgħaddi ż-żmien, aħna nkunu nixtiequ nagħmlu affarijiet differenti. Allura, nistgħu nibqgħu kuntenti b'dak li qegħdin nagħmlu għal Ġeħova? Iva, nistgħu ***nieħdu pjaċir*** bl-affarijiet li għandna bħalissa. Kif? Biex insiru nafu, ejja nikkunsidraw it-tixbiha li ġab Ġesù dwar it-talenti li nsibu f'Mattew 25:14-30. Se nitgħallmu kif għandna nkunu kuntenti b'dak li għandna u kif ikollna iktar ferħ f'dak li qegħdin nagħmlu bħalissa.

## KIF TISTA' TKUN IŻJED FERĦAN

7 Fit-tixbiha ta' Ġesù, ir-raġel kien se jsiefer. Qabel siefer, hu tkellem mal-ilsiera tiegħu u tahom xi talenti biex jinnegozjawhom.* Ir-raġel kien jaf li l-ilsiera tiegħu kellhom abbiltajiet differenti. Għalhekk, lill-ewwel wieħed tah ħames talenti, lit-tieni wieħed tah żewġ talenti, u lit-tielet wieħed tah talent. Imbagħad x'ġara? L-ewwel żewġ ilsiera ħadmu iebes biex jaqilgħu iktar flus għal sidhom, però, it-tielet wieħed m'għamel xejn bit-talent li tah sidu u għalhekk sidu keċċieh.

---

4. X'se niddiskutu f'dan l-artiklu?

5. Fuq xiex għandna niffokaw biex inkunu ferħanin? (Ekkleżjasti 6:9)

---

* **ESPRESSJONI SPJEGATA: Talent** kien l-ammont ta' flus li kien jaqla' ħaddiem f'madwar 20 sena.

---

6. Liema tixbiha se nikkunsidraw, u x'se nitgħallmu minnha?

7. Għid fil-qosor it-tixbiha li ġab Ġesù dwar it-talenti.




8 L-ewwel ilsir kien kuntent ħafna li sidu tah ħames talenti. Dan kien ammont kbir ta' flus u juri li sidu kien jafdah ħafna! Imma xi ngħidu għat-tieni lsir? Hu seta' ħassu skuraġġit minħabba li sidu ma tahx ħames talenti wkoll. Imma hu x'għamel?

9 **Aqra Mattew 25:22, 23.** Ġesù ma qalx li t-tieni lsir ħassu mdejjaq u rrabjat minħabba li sidu tah żewġ talenti biss. U Ġesù ma qalx li l-ilsir beda jgerger u jgħid: 'Sidi għala tani inqas? Jien ukoll naħdem iebes bħall-ilsir li qala' ħames talenti! Jekk l-imgħallem jaħseb li jien mhux ħaddiem bieżel, missni naħbi l-flus tiegħu, naħdem għalija, u naqla' l-flus jien.'

10 Bħall-ewwel ilsir, it-tieni lsir kien jaf li dak li ġiegħlu jagħmel sidu kien importanti u hu ħadem iebes biex jaqdih. B'hekk, hu qala' żewġ talenti oħra. Is-sid ippremja lill-ilsir tiegħu tax-xogħol iebes li għamel, u mhux hekk biss, hu faħħru u tah iktar responsabbiltajiet!

11 Bl-istess mod, aħna nistgħu nkunu iżjed ferħanin meta ***naħdmu iebes*** f'dak kollu li ningħataw nagħmlu fix-xogħol ta' Ġeħova. Agħmel l-almu tiegħek fix-xogħol tal-ippritkar u fil-kongregazzjoni. (Atti 18:5; Ebr. 10:24, 25) Ipprepara sew għal-laqgħat ħalli tkun tista' tagħ-

8. L-ewwel ilsir għala kien kuntent ħafna?

9. Ġesù x'ma qalx dwar it-tieni lsir? (Mattew 25:22, 23)

10. It-tieni lsir x'għamel bit-talenti tiegħu?

11. Kif nistgħu nkunu iżjed ferħanin?

mel kummenti inkuraġġanti. U kull inkarigu li jkollok fil-laqgħa ta' fost il-ġimgħa qisu importanti. Jekk jgħidulek biex tagħmel xi xogħol fil-kongregazzjoni, ħudu bis-serjetà. Taħsibx li x-xogħol li ngħatajt mhuwiex importanti u għalhekk ma tippreparax sew għalih. Aħdem iebes biex ittejjeb l-abbiltajiet tiegħek. (Prov. 22:29) Iżjed ma taħdem iebes għal Ġeħova, iżjed se tkun ferħan u se tkabbar il-ħbiberija tiegħek miegħu. (Gal. 6:4) Ukoll, se jkun iktar faċli għalik biex tkun ferħan meta oħrajn ikollhom ir-responsabbiltajiet li xtaqt inti.—Rum. 12:15; Gal. 5:26.

12 Tiftakar lil Melissa li semmejna qabel, li xtaqet taqdi f'Betel jew tmur l-Iskola għall-Evanġelizzaturi tas-Saltna? Għalkemm dan ma kienx possibbli għaliha, hi tgħid: "Bħala pijuniera nipprova nipprietka b'modi differenti u dan iġibli ħafna ferħ." U Nick x'għamel biex ma jibqax iħossu skuraġġit meta ma kkwalifikax bħala qaddej ministerjali? Hu jgħid: "Iffokajt fuq dak li stajt nagħmel, bħal pereżempju l-ippritkar u li nagħti kummenti inkuraġġanti waqt il-laqgħat. Ukoll, applikajt biex naqdi f'Betel u s-sena ta' wara aċċettawni."

13 Jekk tagħmel dak kollu li tista' fl-inkarigu li għandek bħalissa, tista' tingħata iktar privileġġi fil-futur? Jista' jkun. Infatti Nick hekk ġralu. Imma jekk le, bħalma ġara fil-każ ta' Melissa, int xorta jista' jkollok iżjed ferħ f'dak li qed tagħmel għal Ġeħova bħalissa. **(Aqra Ekkleżjasti 2:24.)** Barra minn hekk, int se tkun iżjed ferħan għax taf li qed tagħmel dak li jogħġob lil Sidna Ġesù Kristu.

### MIRI LI JŻIDU L-FERĦ TIEGĦEK

14 Jekk qegħdin nagħmlu dak kollu li nistgħu bħalissa, ifisser li m'hemmx għalfejn nagħmlu iżjed għal Ġeħova? Le! Aħna xorta nistgħu nagħmlu miri biex nitgħallmu nippritkaw b'mod aħjar, insiru għalliema aħjar, u ngħinu iżjed lil ħutna. Aħna se nilħqu dawn il-miri jekk nagħmlu dak li nistgħu biex ngħinu lil ħaddieħor.—Prov. 11:2; Atti 20:35.

15 Liema miri tista' tagħmel? Itlob lil Ġeħova biex jgħinek tifhem liema miri tista' tilħaq. (Prov. 16:3; Ġak. 1:5) Tista' tilħaq waħda mill-miri li ssemmew fl-ewwel paragrafu ta' dan l-artiklu, bħal li taqdi bħala pijunier awżiljarju jew pijunier regolari, li taqdi f'Betel, jew li tgħin fi proġetti ta' kostruzzjoni? Jew forsi tista' titgħallem lingwa barranija jew tmur taqdi f'pajjiż ieħor. Int tista' titgħallem iktar dwar dawn il-miri billi taqra kapitlu 10 tal-ktieb *Organizzati biex nagħmlu r-rieda ta' Ġeħova* u billi titkellem mal-anzjani tal-kongregazzjoni tiegħek.* Meta tipprova tilħaq dawn il-miri, oħrajn se jaraw li qed tagħmel progress u dan se jagħmlek iktar ferħan.

* Aħwa rġiel mgħammdin huma inkuraġġiti biex jaħdmu ħalli jikkwalifikaw bħala qaddejja ministerjali jew anzjani. Biex tkun taf iktar dwar il-kwalifiki, ara kapitli 5 u 6 tal-ktieb *Organizzati biex nagħmlu r-rieda ta' Ġeħova.*

12. X'għen lil Melissa u lil Nick biex ikunu iżjed ferħanin?

13. Jekk tagħmel dak kollu li tista' fl-inkarigu li għandek bħalissa, x'se jkun ir-riżultat? (Ekkleżjasti 2:24)

14. Meta nagħmlu miri spiritwali x'għandna nżommu f'moħħna?

15. Liema miri jistgħu jgħinuk tkun iżjed ferħan?



**Liema miri tista’ tilħaq?**
(Ara paragrafi 17-19)





16 Imma xi ngħidu jekk bħalissa ma tistax tilħaq waħda mill-miri li semmejna f’dan l-artiklu? Ipprova agħmel mira li tkun tista’ tilħaqha. Aħseb dwar dak li se naraw fil-paragrafi li ġejjin.

17 **Aqra l-1 Timotju 4:13, 15.** Jekk int ħu mgħammed, ipprova sir kelliemi u għalliem aħjar. Għala? Għax jekk tipprova ssir qarrej, kelliemi u għalliem aħjar, int se tkun tista’ tgħin iktar lil dawk li jkunu qegħdin jisimgħuk. Ipprova agħmilha mira li tistudja u tapplika l-pariri li nsibu fil-browxer *Irsisti fil-qari u t-tagħlim*. Studja punt punt, ipprattika sew id-dar, u mbagħad applika dak li titgħallem meta tkun qed tagħti xi taħdita. Itlob xi suġġerimenti lill-ajjutant li jagħti l-pariri jew lill-anzjani oħrajn ‘li jaħdmu iebes biex jgħallmu.’* (1 Tim. 5:17) Tiffokax biss biex tapplika l-lezzjoni mill-browxer imma wkoll biex tgħin lis-semmiegħa tiegħek isaħħu l-fidi tagħhom u japplikaw dak li jitgħallmu. Meta tagħmel hekk, int se tferraħ lil oħrajn u dan se jġiblek iktar ferħ.

18 Ilkoll kemm aħna għandna l-inkarigu li nippritkaw u nagħmlu dixxipli. (Mt. 28:19, 20; Rum. 10:14) Tixtieq ittejjeb l-abbiltà tiegħek f’dan ix-xogħol importanti? Jekk iva, studja l-browxer *Tagħlim*, u agħmilha mira li tapplika dak li tit-

* **ESPRESSJONI SPJEGATA:** L-**ajjutant li jagħti l-pariri** huwa anzjan li jiġi inkarigat biex, meta jkun hemm bżonn, jagħti pariri fil-privat lil anzjani jew qaddejja ministerjali meta jkollhom inkarigu fil-kongregazzjoni.

16. X’tista’ tagħmel jekk bħalissa ma tistax tilħaq waħda mill-miri li semmejna?

17. Skont l-1 Timotju 4:13, 15, ħu x’jista’ jagħmel biex isir għalliem aħjar?

18. X’jista’ jgħinna nilħqu l-miri tagħna fil-ministeru?

għallem. Int tista' tieħu xi ideat ukoll mill-*Fuljett għall-Istudju tal-Laqgħa—Il-Ħajja u l-Ministeru Kristjan Tagħna* u mill-vidjows tal-eżempji ta' konversazzjoni li jkollna fil-laqgħat ta' matul il-ġimgħa. Ipprova modi differenti li taħseb li huma utli fit-territorju tiegħek. Meta tapplika dawn is-suġġerimenti, int se ssir għalliem aħjar u dan se jġiblek iżjed ferħ. —2 Tim. 4:5.

19 Tinsiex, waħda mill-aqwa miri li tista' tagħmel hi li tiżviluppa kwalitajiet li jogħġbu lil Ġeħova. (Gal. 5:22, 23; Kol. 3:12; 2 Pt. 1:5-8) X'tista' tagħmel biex tilħaq din il-mira? Forsi tixtieq ssaħħaħ iktar il-fidi tiegħek. Tista' taqra artikli fil-pubblikazzjonijiet tagħna li jkun fihom suġġerimenti kif tista' ssaħħaħ il-fidi. Int tibbenefika wkoll jekk tara esperjenzi t'aħwa fuq il-JW Broadcasting® li wrew fidi kbira meta kienu għaddejjin mill-provi. Imbagħad ara kif inti tista' timita l-fidi tagħhom fil-ħajja tiegħek.

19. Kif tista' tiżviluppa kwalitajiet Kristjani?

20 Bla dubju, ilkoll kemm aħna nixtiequ nagħmlu iktar għal Ġeħova, imma forsi bħalissa mhux kulħadd jista'. Però, ftakar li fid-dinja l-ġdida lkoll kemm aħna se nkunu nistgħu. Sa dak iż-żmien, jekk nagħmlu l-almu tagħna f'dak li nistgħu nagħmlu għal Ġeħova, se nkunu iktar ferħanin u mhux se nibqgħu nħossuna daqshekk diżappuntati. U l-iktar ħaġa importanti hi li nġibu tifħir lil Ġeħova, li hu "l-Alla l-hieni." (1 Tim. 1:11) Għalhekk ejja nkunu ferħanin b'dak li nistgħu nagħmlu għal Ġeħova!

20. X'nistgħu nagħmlu biex inħossuna iżjed ferħanin u ma nibqgħux inħossuna daqshekk diżappuntati?

**X'TGĦIDILNA L-ISTAMPA Paġna 24:** Biex jilħaq il-mira tiegħu li jsir għalliem aħjar, ħu qed jagħmel riċerka fil-pubblikazzjonijiet tagħna. Wara li għamlitha mira li tipprietka b'mod informali, oħt qed tagħti kard tal-jw.org lill-waitress. Oħt li għamlet il-mira li tkun iktar ġeneruża, qed tagħti rigal lil oħt oħra.

## INT KIF TWIEĠEB?

- It-tixbiha tat-talenti li ġab Ġesù kif tista' tgħinek tkun kuntent b'dak li qed tagħmel għal Ġeħova?
- Kif tista' ssir għalliem aħjar?
- X'miri tista' tagħmel?

**GĦANJA 82**

Ħa "jiddi d-dawl tagħkom"

ARTIKLU GĦALL-ISTUDJU 34

# “Duqu” l-Affarijiet Tajbin ta’ Ġeħova—Kif?

**GĦANJA 117**
Il-kwalità tat-tjubija

**ĦARSA BIL-QUDDIEM**
Kull ħaġa tajba tiġi mingħand Ġeħova. Hu jagħmel dan ma’ kulħadd—anki man-nies ħżiena. Imma hu jieħu pjaċir ħafna jagħmel affarijiet tajbin għall-qaddejja leali tiegħu. F’dan l-artiklu se naraw x’inhuma xi affarijiet tajbin li Ġeħova jagħti lill-qaddejja tiegħu. U ħa naraw ukoll kif dawk li jagħmlu iktar għal Ġeħova se jesperjenzaw barkiet oħrajn mingħandu.

*“Duqu u araw li Ġeħova hu tajjeb; hieni r-raġel b’saħħtu li jistkenn fih.”*—SALM 34:8.

IMMAĠINA li xi ħadd jgħidlek biex idduq xi ħaġa li inti qatt ma pprovajt qabel. Forsi qabel idduqha, inti tħares lejha, ixxommha, tistaqsi kif saret, u jaf tistaqsi wkoll lil oħrajn biex tara jekk togħġobhomx. Imma l-uniku mod kif tkun taf jekk togħġbokx hu billi dduqha.

2 Aħna nitgħallmu kemm Ġeħova hu tajjeb billi naqraw il-Bibbja u l-pubblikazzjonijiet tagħna, kif ukoll billi nisimgħu lil oħrajn jitkellmu dwar l-affarijiet tajbin li Ġeħova għamel magħhom. Imma se nifhmu kemm Ġeħova hu tajjeb meta aħna ‘nduqu’ l-affarijiet tajbin tiegħu. **(Aqra Salm 34:8.)** Ejja nieħdu eżempju wieħed ta’ dan. Immaġina li trid taqdi lil Ġeħova full-time. Biex tilħaq din il-mira se jkollok tgħix ħajja sempliċi. Forsi kemm-il darba qrajt dwar il-wegħda ta’ Ġesù li jekk tpoġġi s-Saltna l-ewwel, Ġeħova se jipprovdilek dak kollu li jkollok bżonn. Imma forsi għadek qatt ma rajt lil Ġeħova jagħmel dan għalik. (Mt. 6:33) Imma għax tafda fil-wegħda ta’ Ġesù, inti tnaqqas l-ispejjeż, tagħmel bidliet fl-iskeda tax-xogħol tiegħek, u anka tipprova żżid fl-ippritkar. Meta int tagħmel dan se tara li Ġeħova vera jagħtik dak li għandek bżonn. Imbagħad int se ‘dduq’ l-affarijiet tajbin ta’ Ġeħova.

3 Ġeħova hu “tajjeb ma’ kulħadd,” anki ma’ dawk li ma jafuhx. (Salm 145:9; Mt. 5:45) Imma hu jagħmel ħafna affarijiet tajbin għal dawk li jħobbuh u li jagħmlu dak kollu li jistgħu biex jaqduh. **(Aqra Salm 16:1, 2.)** Issa ejja naraw xi ftit mill-affarijiet tajbin li Ġeħova għamel għalina.

1-2. Skont Salm 34:8, kif nistgħu nitgħallmu dwar l-affarijiet tajbin li jagħtina Ġeħova?

3. Fi qbil ma’ Salm 16:1, 2, min jirċievi affarijiet tajbin mingħand Ġeħova?

4 Kull darba li napplikaw dak li nitgħallmu minn Ġeħova, aħna naraw kif dan jgħinna fil-ħajja tagħna. Pereżempju, meta aħna tgħallimna dwaru u bdejna nħobbuh, hu għenna biex ma nibqgħux naħsbu dwar affarijiet ħżiena u nagħmlu affarijiet li jobgħod hu. (Kol. 1:21) U meta ddedikajna ħajjitna lil Ġeħova u tgħammidna, hu tana iktar affarijiet tajbin, bħal pereżempju kuxjenza nadifa u ħbiberija mill-qrib miegħu.—1 Pt. 3:21.

5 Aħna nkomplu nirċievu affarijiet tajbin mingħand Ġeħova meta nieħdu sehem fl-ippritkar. Int persuna mistħija? Ħafna mix-Xhieda ta' Ġeħova hekk iħossuhom. Forsi qabel sirt Xhud ta' Ġeħova, qatt ma ħsibt li se tmur tħabbat il-bieb ta' xi ħadd li ma tafux u titkellem miegħu dwar il-Bibbja. Imma bl-għajnuna ta' Ġeħova, illum int tagħmel dan b'mod regulari. U mhux hekk biss, imma tieħu pjaċir tippritka! Ġeħova għenek ukoll b'modi oħrajn. Hu għenek tibqa' kalm meta xi ħadd fuq il-ministeru kien arroganti miegħek. Hu għenek ukoll biex tiftakar l-iskritturi li kellek bżonn meta int kont qed titkellem ma' xi ħadd interessat. Ukoll, hu tak is-saħħa biex tibqa' tippritka minkejja li xi nies ma ridux jisimgħu. —Ġer. 20:7-9.

6 It-trejning li ningħataw għal fuq il-ministeru hu wieħed mill-affarijiet tajbin li jagħtina Ġeħova. (Ġw. 6:45) Fil-laqgħa ta' fost il-ġimgħa, aħna naraw eżempji ta' konversazzjonijiet ta' kif nistgħu nippritkaw lin-nies. Għall-ewwel forsi nsibuha ftit diffiċli biex nipprovaw xi ħaġa ġdida, imma meta nagħmlu hekk, se jkollna riżultati tajbin. Waqt il-laqgħat u l-konvenzjonijiet, aħna niġu inkuraġġiti biex nipprovaw metodi differenti ta' ppritkar li forsi qatt ma nkunu pprovajniehom. Dan ukoll jista' jġegħelna nibżgħu ftit, imma meta nipprovawhom, Ġeħova se jbierek l-isforzi tagħna. Issa se nitgħallmu dwar xi affarijiet tajbin li Ġeħova jagħtina meta nafdawh u nipprovaw modi ġodda biex nagħmlu iktar għalih, huma x'inhuma ċ-ċirkustanzi tagħna. Imbagħad se naraw kif aħna nistgħu nilħqu l-miri tagħna.

4. Lil dawk li jsiru l-ħbieb tiegħu, Ġeħova x'affarijiet tajbin jagħtihom?

5. Waqt il-ministeru x'affarijiet tajbin nirċievu mingħand Ġeħova?

6. It-trejning li nirċievu għall-ministeru, għala hu wieħed mir-rigali li nirċievu mingħand Ġeħova?

## ĠEĦOVA JBIEREK LIL DAWK LI JAFDAW FIH

7 ***Nersqu eqreb lejn Ġeħova.*** Ikkunsidra l-eżempju ta' anzjan jismu Samuel,* li jaqdi flimkien mal-mara tiegħu fil-Kolombja. Din il-koppja kienu jieħdu pjaċir jaqdu bħala pijunieri fil-kongregazzjoni tagħhom, imma huma riedu jagħmlu iktar billi jmorru jgħinu fejn hemm il-bżonn. Biex jilħqu din il-mira, huma kellhom jieqfu jagħmlu xi affarijiet li kienu jħobbu jagħmlu. Samuel jgħid: "Aħna applikajna Mattew 6:33, u għalhekk ma bqajniex nixtru affarijiet li ma kellniex bżonn. Imma l-iktar ħaġa diffiċli kienet li nitilqu d-dar li kellna. Kienet kif xtaqnieha aħna, u ma kellniex dejn fuqha." Meta marru jgħinu fil-kongregazzjoni l-oħra, huma kellhom bżonn inqas flus biex jgħixu. Samuel ikompli jgħid: "Aħna rajna kif Ġeħova ggwidana u sema' t-talb tagħna.

* Xi ismijiet ġew mibdulin.

7. Liema barkiet se nirċievu meta nagħmlu l-almu tagħna biex nagħmlu iktar għal Ġeħova?

Inħossu li hu kuntent bina, u qed inħossu l-imħabba tiegħu b'mod li qatt ma esperjenzajna qabel." Inti tista' tagħmel iktar għal Ġeħova? Jekk iva, ibqa' ċert li dan se jgħinek biex tersaq eqreb lejn Ġeħova u hu se jipprovdilek dak li jkollok bżonn. —Salm 18:25.

8 ***Nieħdu pjaċir fix-xogħol ta' Ġeħova.*** Innota x'qalu Ivan u Viktoria, koppja miżżewġa li jaqdu bħala pijunieri fil-Kirgiżistan. Huma għexu ħajja sempliċi biex ikunu jistgħu jgħinu bħala volontiera fejn hemm il-bżonn, anki fi proġetti ta' kostruzzjoni. Ivan jgħid: "Ħdimna iebes f'kull inkarigu li kellna. Għalkemm konna nkunu għajjenin fl-aħħar tal-ġurnata, xorta konna nkunu ferħanin għax konna nafu li użajna saħħitna għal Ġeħova. Aħna ferħanin ukoll għax għamilna ħafna ħbieb ġodda u għandna ħafna memorji sbieħ."—Mk. 10:29, 30.

9 Aħna nistgħu nkunu ferħanin fix-xogħol ta' Ġeħova anki meta jkollna sitwazzjonijiet diffiċli. Pereżempju, Mirreh, oħt li hi armla u li tgħix fl-Afrika tal-Punent, irtirat mix-xogħol bħala tabiba u bdiet taqdi bħala pijuniera. Minħabba li hi kbira fl-età u tbati ħafna bl-artrite, ma tistax iddum iktar minn siegħa tippritka minn dar għal dar. Imma hi tista' tqatta' iktar ħin fl-ippritkar permezz tat-trolley. Mirreh għandha ħafna żjajjar lura u studji tal-Bibbja, li xi wħud minnhom tagħmilhom permezz tat-telefown. X'ġiegħel lil Mirreh tagħmel iktar għal Ġeħova? Hi tgħid: "Jien inħobbhom ħafna lil Ġeħova u lil Kristu Ġesù. Spiss nitlob lil Ġeħova biex jgħinni ħalli nkun nista' nagħmel dak kollu li nista' fix-xogħol tiegħu."—Mt. 22: 36, 37.

10 ***Nirċievu iżjed trejning mingħand Ġeħova.*** Kenny, pijunier li jaqdi f'Mauritius, ra kemm dan hu veru. Meta tgħallem il-verità, hu telaq mill-università, tgħammed, u beda jaqdi lil Ġeħova fis-servizz full-time. Hu jgħid: "Nipprova nkun bħall-profeta Isaija, li qal: 'Hawn jien! Ibgħat lili.'" (Is. 6:8) Kenny ħadem fuq diversi proġetti ta' kostruzzjoni, u hu għen ukoll biex issir traduzzjoni ta' pubblikazzjonijiet ibbażati fuq il-Bibbja fil-lingwa tiegħu. Hu jgħid: "Jien irċivejt it-trejning li kelli bżonn biex inkun nista' nagħmel l-assignments tiegħi." Imma hu ma tgħallimx biss kif jagħmel ix-xogħol. Hu kompla jgħid: "Jien tgħallimt ukoll kif nagħmel affarijiet li ma kontx naf nagħmel u dwar il-kwalitajiet li kelli naħdem fuqhom biex insir qaddej aħjar ta' Ġeħova." **(Aqra l-1 Pietru 5:10.)** Inti tista' tagħmel xi bidliet, bħalma għamel Kenny, biex Ġeħova jkun jista' jtik iżjed trejning?

11 Anki dawk li jkunu ilhom jaqdu lil Ġeħova għal ħafna snin ikollhom bżonn it-trejning meta jkunu se jippritkaw b'mod ġdid. Matul il-pandemija tal-COVID-19, l-anzjani ta' kongregazzjoni fil-Korea t'Isfel kitbu: "Xi wħud mill-aħwa li ma setgħux jippritkaw minħabba s-saħħa batuta li għandhom, issa qed jirnexxilhom permezz tal-videoconference. Tliet aħwa nisa, li għandhom madwar 80 sena, tgħallmu kif jużaw il-kompjuter biex jagħmlu dan, u issa qegħdin ikunu fuq il-ministeru

---

8. X'titgħallem minn dak li qalu Ivan u Viktoria?

9. Minkejja l-isfidi li ffaċċjat l-oħt, x'għamlet u x'riżultat kellha?

10. Kif jurina l-1 Pietru 5:10, dawk li jagħmlu iżjed għal Ġeħova x'jirċievu?

11. Aħwa nisa fil-Korea t'Isfel xi sforz għamlu biex ikunu jistgħu jippritkaw, u x'riżultat kellhom? (Ara l-istampa tal-qoxra.)

kważi kuljum.” (Salm 92:14, 15) Tixtieq tagħmel iktar għal Ġeħova u tirċievi iktar affarijiet tajbin mingħandu? Ejja naraw xi modi ta’ kif inti tista’ tagħmel dan.

## KIF TISTA’ TAGĦMEL IKTAR GĦAL ĠEĦOVA

12 ***Tgħallem strieħ fuq Ġeħova.*** Hu jwegħedna li se jagħtina ħafna affarijiet tajbin jekk aħna nafdaw fih u nagħtuh l-aħjar li nistgħu. (Mal. 3:10) Oħt mill-Kolombja, li jisimha Fabiola, esperjenzat din il-wegħda f’ħajjitha. Hi xtaqet tibda taqdi bħala pijuniera regulari wara li tgħammdet. Imma kellha tibqa’ taħdem biex tkun tista’ tipprovdi l-bżonnijiet għall-familja tagħha. Għalhekk, meta rtirat mix-xogħol, hi talbet ħafna lil Ġeħova biex jgħinha. Fabiola tgħid: “Spiss, innies idumu jistennew biex jibdew jirċievu l-pensjoni, imma jien irċivejtha wara xahar. Għalija dan kien miraklu!” Xahrejn wara, hi bdiet taqdi bħala pijuniera regulari. Issa Fabiola għandha ’l fuq minn 70 sena u ilha pijuniera għal iktar minn 20 sena. Matul dan iż-żmien, hi għenet tmien persuni biex jaslu għall-magħmudija. Hi tgħid: “Għalkemm kultant inħossni negħja malajr, Ġeħova kuljum jgħinni biex inkun nista’ nkompli nipprietka.”

13 ***Tgħallem mill-eżempji ta’ dawk li straħu fuq Ġeħova.*** Il-Bibbja fiha ħafna eżempji ta’ wħud li ħadmu iebes għal Ġeħova.

12. Ġeħova xi jwegħedhom lil dawk li jistrieħu fuqu?

13-14. Liema eżempji jistgħu jgħinuna biex nafdaw f’Ġeħova u nagħmlu iżjed?







**Abraham u Sara, Ġakobb, u l-qassisin li qasmu x-Xmara Ġordan kif urew li kienu jafdaw lil Ġeħova?**
**(Ara paragrafu 13)**

Hu bierek lil dawn il-qaddejja wara li huma wrew li jafdaw fih. Pereżempju, Ġeħova bierek lil Abraham wara li hu telaq mid-dar tiegħu "għalkemm ma kienx jaf fejn kien sejjer." (Ebr. 11:8) U kien wara li Ġakobb baqa' jissara mal-anġlu li rċieva barka speċjali. (Ġen. 32:24-30) U meta l-Iżraelin kienu waslu biex jidħlu fl-art imwiegħda, kien biss wara li l-qassisin niżżlu saqajhom fix-Xmara Ġordan li l-ilma waqaf u n-nies setgħu jaqsmu. —Ġoż. 3:14-16.

14 Illum, int tista' tibbenefika wkoll mill-eżempji ta' aħwa li straħu fuq Ġeħova biex jilħqu l-mira tagħhom. Pereżempju, ħu jismu Payton u l-mara tiegħu Diana kienu jieħdu pjaċir jaqraw dwar aħwa li għamlu mira biex jagħmlu iżjed għal Ġeħova, bħal pereżempju esperjenzi li nsibu fis-serje "Offrew Lilhom Infushom minn Rajhom."* Payton jgħid: "Meta konna naqraw dawn l-esperjenzi, konna nħossuna qisna qed naraw lil xi ħadd jiekol ikla tajba. Iktar ma konna naqraw, iktar konna rridu 'nduqu lil Ġeħova u naraw li hu tajjeb.'" Maż-żmien, Payton u Diana marru jaqdu fejn kien hemm il-bżonn. Inti qrajtha din is-serje? U rajt il-vidjows *Witnessing in Isolated Territory—Australia* u *Witnessing in Isolated Territory—Ireland* li ssibhom bl-Ingliż fuq jw.org? Dawn jistgħu jgħinuna biex naraw kif nistgħu nagħmlu iżjed għal Ġeħova.

15 ***Agħżel kumpanija tajba.*** Huwa iktar faċli għalina biex nieklu xi ħaġa li qatt ma doqna meta nkunu ma' xi ħadd li jkun iħobbha. Bl-istess mod, meta aħna nqattgħu l-ħin ma' dawk li jpoġġu lil Ġeħova l-ewwel fil-ħajja tagħhom, se jkun iktar faċli għalina biex naraw kif nistgħu nagħmlu iktar għal Ġeħova. Kent u Veronica hekk ġralhom. Kent jgħid: "Il-ħbieb u l-familja tagħna inkuraġġewna biex nagħmlu xi ħaġa differenti għal Ġeħova. Indunajna li billi bdejna nkunu ma' dawk li jpoġġu s-Saltna l-ewwel, aħna ma bżajniex nagħmlu xi ħaġa ġdida." Illum, Kent u Veronica jaqdu bħala pijunieri speċjali fis-Serbja.

16 ***Agħmel sagrifiċċji għal Ġeħova.*** M'hemmx għalfejn nitilqu dak kollu li nieħdu pjaċir nagħmlu biex nogħġbuh. (Ekk. 5:19, 20) Però, jekk dawn l-affarijiet iżommuna lura milli nagħmlu iżjed għal Ġeħova, inkunu qed nagħmlu l-istess żball li għamel ir-raġel fit-tixbiha ta' Ġesù. Hu ħadem iebes biex ikollu ħafna affarijiet u ma tax kas lil Alla. **(Aqra Luqa 12:16-21.)** Ħu li jismu Christian u jgħix fi Franza, jgħid, "Indunajt li stajt nagħti iktar mill-ħin u l-enerġija tiegħi lil Ġeħova u l-familja tiegħi." Hu u l-mara tiegħu ddeċidew li jibdew jaqdu bħala pijunieri. Imma biex jilħqu din il-mira, huma kellhom jitilqu x-xogħol li kellhom. Biex ikollhom biżżejjed flus għall-bżonnijiet tagħhom, bdew negozju żgħir tattindif u huma tgħallmu jkunu kuntenti b'inqas flus. Iddispjaċiehom li telqu xi affarijiet biex ikunu jistgħu jaqdu bħala pijunieri? Christian jgħid, "Issa qed nieħdu pjaċir iżjed fil-ministeru u nieħdu pjaċir naraw lill-istudenti tal-Bibbja u lil

---

* Din is-serje kienet tiġi ppubblikata f'*It-Torri tal-Għassa*, imma issa tista' ssibha fuq jw.org. Mur fuq DWARNA > ESPERJENZI TAX-XHIEDA TA' ĠEĦOVA > JILĦQU MIRI SPIRITWALI.

15. Kumpanija tajba kif tgħinna?

16. Kif naraw fit-tixbiha ta' Ġesù li nsibu f'Luqa 12:16-21, għala għandna nkunu lesti li nagħmlu sagrifiċċji?

dawk taż-żjajjar lura jitgħallmu dwar Ġeħova."

[17] ***Kun lest li tippriettka b'modi ġodda.*** (Atti 17:16, 17; 20:20, 21) Shirley, li hija pijuniera fl-Istati Uniti, kellha tibda tippriettka b'mod differenti minħabba l-pandemija tal-COVID-19. Għall-ewwel bdiet tibża' tippriettka bit-telefown. Imma wara li ngħatat it-trejning matul iż-żjara tal-indokratur li jżur il-kongregazzjonijiet, hi bdiet tippriettka bit-telefown b'mod regulari. Shirley tgħid: "Kont nibża' ħafna, imma issa vera qed nieħu pjaċir. Issa qed insibu iktar nies milli meta konna nippritkaw minn dar għal dar!"

[18] ***Agħmel mira u pprova ilħaqha.*** Meta niffaċċjaw l-isfidi, aħna nitolbu lil Ġeħova u naħsbu sew x'nistgħu nagħmlu dwarhom. (Prov. 3:21) Sonia, li taqdi bħala pijuniera regulari fi grupp tar-Rumen, tgħid: "Jien inħobb nikteb il-miri tiegħi fuq karta u nħalliha fejn inkun nista' naraha. Barra minn hekk, għandi karta li fuqha pinġejt żewġ toroq, u din inħalliha fuq il-mejda. Meta jkolli nieħu xi deċiżjoni, inħares lejha u t-tpinġija tgħinni nara jekk id-deċiżjoni li nkun se nieħu hux se tgħinni nilħaq il-mira tiegħi. Għalhekk, dan ifakkarni li rrid naħseb sew qabel nieħu deċiżjoni." Ukoll, meta Sonia tiffaċċja xi sfida, hi tipprova tibqa' pożittiva. Hi tgħid: "Kull sfida li niffaċċja tista' tkun bħal ħajt li jwaqqafni milli nilħaq il-mira tiegħi, jew inkella bħal pont li jgħinni biex nilħaqha, jiddependi l-mod kif jien inħares lejha."

[19] Ġeħova tana ħafna affarijiet tajbin. Aħna nuru li napprezzaw dawn l-affarijiet billi nagħmlu dak kollu li nistgħu biex inġibu tifħir lilu. (Ebr. 13:15) Dan nistgħu nagħmluh ukoll billi nipprovaw modi ġodda biex naqdu lil Ġeħova. U meta nagħmlu hekk, Ġeħova se jkompli jberikna. Kull ġurnata, ejja nfittxu modi biex 'induqu lil Ġeħova u naraw li hu tajjeb.' Imbagħad se nħossuna bħal Ġesù, li qal: "L-ikel tiegħi hu li nagħmel ir-rieda ta' dak li bagħatni u li ntemm xogħlu."—Ġw. 4:34.

17. Għala jista' jkun diffiċli għalina biex nipprovaw modi ġodda fl-ippritkar?

18. X'jista' jgħinna nilħqu l-mira tagħna meta niffaċċjaw xi sfida?

19. Aħna kif nuru li napprezzaw l-affarijiet tajbin li jagħtina Ġeħova?

## X'TIFTAKAR?

- Xi rridu nagħmlu biex nirċievu affarijiet tajbin mingħand Ġeħova?
- Ġeħova x'jagħtihom lil dawk li jipprovaw jagħmlu iktar?
- X'jista' jgħinna biex nagħmlu iktar għal Ġeħova?

**GĦANJA 80**

"Duqu u araw li Ġeħova hu tajjeb"

IT-TORRI TAL-GĦASSA
JĦABBAR IS-SALTNA TA' ĠEĦOVA
August 2021 | Vol. 142, No. 10 MALTESE

## F'DIN IL-ĦARĠA

Artiklu għall-Istudju 30:
Mis-27 ta' Settembru–3 ta' Ottubru 2
Apprezza li Int Tagħmel Parti mill-Familja ta' Ġeħova

Artiklu għall-Istudju 31: Mill-4-10 ta' Ottubru 8
Se Tibqa' Tistenna lil Ġeħova?

Artiklu għall-Istudju 32: Mill-11-17 ta' Ottubru 14
Saħħaħ il-Fidi Tiegħek fil-Ħallieq

Artiklu għall-Istudju 33: Mit-18-24 ta' Ottubru 20
Kun Ferħan b'Dak li Qed Tagħmel għal Ġeħova

Artiklu għall-Istudju 34: Mill-25-31 ta' Ottubru 26
"Duqu" l-Affarijiet Tajbin ta' Ġeħova—Kif?

Din il-pubblikazzjoni mhijiex għall-bejgħ. Hija provduta bħala parti minn xogħol edukattiv tal-Bibbja mad-dinja kollha appoġġjat minn donazzjonijiet volontarji. Sabiex tagħti donazzjoni, jekk jogħġbok żur donate.jw.org.

Jekk mhux indikat mod ieħor, il-kwotazzjonijiet mill-Iskrittura huma meħudin mit-*Traduzzjoni tad-Dinja l-Ġdida ta' l-Iskrittura Mqaddsa* li għandha lingwa moderna.

*The Watchtower* (ISSN 0043-1087) August 2021 is published by Watch Tower Bible and Tract Society of Britain, 1 Kingdom Way, West Hanningfield, Chelmsford CM2 8FW. (Registered in England as a Charity.) © 2021 Watch Tower Bible and Tract Society of Pennsylvania. Printed in Germany.

ARTIKLI LI TISTA' SSIB FUQ *JW LIBRARY* U JW.ORG

### ESPERJENZI TAX-XHIEDA TA' ĠEĦOVA

**"Jien nagħmel dak li nista'"**

Għalkemm Irma għandha kważi 90 sena, hi tikteb ittri bi ħsieb mill-Bibbja li jmissu l-qalb.

Fil-*JW Library,* mur fuq PUBBLIKAZZJONIJIET > SERJE TA' ARTIKLI > ESPERJENZI TAX-XHIEDA TA' ĠEĦOVA > JGĦALLMU L-VERITÀ TAL-BIBBJA.

Fil-jw.org, mur fuq DWARNA > ESPERJENZI TAX-XHIEDA TA' ĠEĦOVA > JGĦALLMU L-VERITÀ TAL-BIBBJA.

### KIF JINTUŻAW ID-DONAZZJONIJIET TIEGĦEK?

**Kaxxa Żgħira Mimlija b'Ikel Spiritwali**

Ħafna mix-Xhieda ta' Ġeħova issa jistgħu jiddawnlowdjaw pubblikazzjonijiet elettroniċi mingħajr internet.

Fil-*JW Library,* mur fuq PUBBLIKAZZJONIJIET > SERJE TA' ARTIKLI > KIF JINTUŻAW ID-DONAZZJONIJIET TIEGĦEK? > IPPUBBLIKAR.

Fil-jw.org, mur fuq LIBRERIJA > SERJE TA' ARTIKLI > KIF JINTUŻAW ID-DONAZZJONIJIET TIEGĦEK? > IPPUBBLIKAR.

**STAMPA TAL-QOXRA:**
Koppja qiegħda tipprietka fejn hemm bżonn iżjed pubblikaturi, oħt żagħżugħa qed tgħin biex tinbena Sala tas-Saltna, u koppja mdaħħla fiż-żmien qed jippritkaw permezz tat-telefown. Ilkoll kemm huma ferħanin bix-xogħol li qegħdin jagħmlu. (Ara l-artiklu għall-istudju 34, paragrafu 11)

Żur il-website jw.org jew skennja l-kodiċi

w21.08-MT
210420